**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 14 TA' MEJJU 2019**

**Kawża Numru 1**

**Rik.nru. 81/2018 RGM**

**L-Onorevoli Dottor Adrian Delia**
**bħala Kap tal-Oppozizzjoni u**
**bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista**

**vs.**

**L-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

Rat ir-**Rikors ta' l-Onorevoli Dottor Adrian Delia** ppreżentat fid-9 t'Awwissu, 2018 li permezz tiegħu, ppremetta u talab is-segwenti:

1. ILLI nhar is-Sibt wieħed u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (21.07.2018), l-intimat Avukat Ġenerali kien iddikjara, permezz ta' stqarrija rrilaxxjata mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, li "*fis-sigħat li għaddew, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ġie informat mill-Maġistrat Aaron Bugeja li l-inkjesta dwar l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-Prim Ministru u s-Sinjura tiegħu tlestiet. L-inkjesta għaddiet ukoll għand l-Avukat Ġenerali skont il-liġi*" u li kienet qegħdha ssir "*analiżi approfondita tal-inkjesta, li r-rapport konklussiv tagħha huwa voluminuż*" (Stqarrija Numru: PR181625).

2. ILLI immedjatament wara din l-istqarrija, l-Onorevoli Prim Ministru Dott. Joseph Muscat iddikjara ukoll, permezz ta' stqarrija rrilaxxjata mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, li huwa kien ħa konjizzjoni tal-fatt li l-Inkjesta dwar l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu u ta' martu, *ossia* l-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpannija *Egrant Inc.*, kienet tlestiet u għaddiet għand l-Avukat Generali. L-Onorevoli Prim Ministru kien stqarr ukoll li, skond il-liġijiet tagħna, hu l-Avukat Ġenerali li jirregola jekk Inkjesta tistax tiġi ppubblikata, u li huwa kien talbu li din l-Inkjesta, fil-fatt, tiġi hekk ppubblikata. Huwa ddikjara ukoll li kien ser jagħti r-reazzjoni tiegħu mal-ewwel hekk kif l-istess Inkjesta ssir pubblika (Stqarrija Numru: PR181626).

3. ILLI r-rikorrent, l-Onorevoli Dott. Adrian Delia, fil-vesti u fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, ukoll, iddikjara, diversi drabi li l-Inkjesta Maġisterjali relattiva kellha tiġi ppublikata fl-intier tagħha.

4. ILLI nhar il-Ħadd tnejn u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (22.07.2018), permezz ta' stqarrija oħra rrilaxxjata mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali, filwaqt li rrefera għall-għeluq tal-istess Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpanija *Egrant Inc.*, iddikjara li:

i. B'referenza għad-diversi sejħiet għall-pubblikazzjoni tar-rapport tal-istess Inkjesta, huwa kien qiegħed jippubblika l-konklużjonijiet prinċipali u l-kummenti tal-għeluq ta' dik l-Inkjesta flimkien ma' din l-istqarrija. Żied jgħid li l-pubblikazzjoni kienet qed tkun limitata għall-konklużjonijiet prinċipali u għall-kummenti tal-għeluq. Dan, sabiex jiġi limitat l-indħil fir-riservatezza ta' terzi estraneji li jissemmew inċidentalment f'partijiet oħra tar-Rapport tal-istess Inkjesta Maġisterjali, kif ukoll sabiex jiġu mħarsa investigazzjonijiet oħrajn relatati.

ii. Huwa kien laqà t-talba li saritlu mill-Onorevoli Prim Ministru sabiex ikollu kopja tal-istess Rapport.

5. ILLI fl-istess stqarrija, l-Avukat Ġenerali kien qal li din l-Inkjesta kienet saret biex jiġi stabbilit:

a. Jekk is-Sinjura Michelle Muscat hijiex l-*Ultimate Beneficial Owner* ta' Egrant Inc;

b. Jekk il-Prim Ministru, jew membri tal-familja tiegħu, jew John Dalli, Keith Schembri jew Konrad Mizzi, għandhomx kontijiet bankarji f'Pilatus Bank; u

c. Jekk l-istess persuni kinux involuti f'xi tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi fi ħdan Pilatus Bank, jew f'atti ta' korruzzjoni jew ta' ħasil ta' flus ma' persuni mill-Ażerbajġan f'Pilatus Bank,

(Stqarrija Numru: PR181627)

6. ILLI nhar il-Ħadd 22 ta' Lulju, 2018 kienet inżammet ukoll konferenza għall-istampa ġewwa Kastilja li fiha l-Onorevoli Prim' Ministru kien ta' l-fehmiet tiegħu dwar il-konklużjonijiet derivanti mill-istess Inkjesta u, fil-fatt, waqt l-istess konferenza, hu għamel dikjarazzjonijiet, kemm ta' natura personali, kif kellu kull dritt li jagħmel, kif ukoll dikjarazzjonijiet purament ta' natura politika qua Prim' Ministru.

7. ILLI r-rikorrent Kap tal-Oppożizzjoni qara l-konklużżjonijiet milħuqa mill-Maġistrat Inkwerenti fl-Inkjesta fuq imsemmija u għamel id-dikjarazzjonijiet politiċi tiegħu ukoll dwar ir-riżultanzi milħuqa mill-istess Inkjesta, u dan unikament abbażi ta' dak riportat fil-"*konklużjonijiet prinċipali u l-kummenti tal-għeluq ta' dik l-inkjesta*" li, l-Avukat Ġenerali, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, kien għażel li jippubblika.

8. ILLI, kif inhu magħruf pubblikament, l-Onorevoli Prim' Ministru huwa wkoll il-Kap tal-Partit Laburista.

9. ILLI l-Ħadd 22 ta' Lulju, 2018 ittella' programm fuq l-istazzjoni tal-Partit Laburista "One", fejn kien jidher evidenti li l-istess preżentatur ta' dan il-programm kellhu diga kopja tad-dokumenti ta' din l-inkjesta qabel ma l-konklużżjonijiet ġew rilaxxati lill-pubbliku in generali mill-intimat Avukat Generali.

10. ILLI sal-lum il-ġurnata diversi esponenti ewlenin tal-Partit Laburista, kif ukoll tal-Gvern, taw ir-reazzjonijiet tagħhom, kemm politiċi kif ukoll fattwali, abbażi ta' din l-istess Inkjesta, u dan permezz ta' artikli ppubblikati, kif ukoll permezz ta' diversi intervesti.

11. ILLI r-rappurtaġġ selettiv ta' informazzjoni da parti ta' esponenti tal-Gvern, kif ukoll esponenti tal-Partit Laburista, qiegħed joħloq żbilanċ politiku serju favur il-Gvern u favur l-istess Partit Laburista, u dan b'detriment għall-Oppożizzjoni u għall-Partit Nazzjonalista.

12. ILLI jiġi rrilevat li, sal-lum il-ġurnata, id-diskrepanza bejn l-informazzjoni reża disponibbli mill-intimat Avukat Ġenerali lill-Onorevoli Prim Ministru u, għaldaqstant, lill-esponenti tal-Gvern u tal-Partit Laburista wkoll, u bejn dik ristretta u limitata reża disponibbli pubblikament lill-Kap tal-Oppożizzjoni, timmina u timmilita kontra l-prinċipju ta' trasparenza, liema kunċett huwa l-bażi tal-operat u tat-tħaddim mistenni minn soċjetà demokratika.

13. ILLI nhar it-Tnejn tlieta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (23.07.2018), ir-rikorrent, fil-vesti tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll Kap tal-Partit Nazzjonalista, kien kiteb permezz ta ittra lill-intimat Avukat Ġenerali u talbu sabiex jingħata kopja tal-atti tal-Inkjesta fl-intier tagħha. Imma l-intimat Avukat Ġenerali b'email mibghuta lill-Kap tal-Opozizzjoni ċaħad din it-talba, filwaqt li ġibed l-attenzjoni tal-esponenti għall-fehma tiegħu li "*...huwa biss f'kazijiet rari illi l-inkjesti jiġu ppubblikati u illi meta tiġi rilaxxjata kopja ta' rapport ta' nkjesta din konsistentement tigi rilaxxjata lil persuni b'interess ġuridiku dirett fir-riżultanzi tal-inkjesta bħal ma huma l-vittmi ta' reat.*" F'dan ir-rigward, l-intimat Avukat Ġenerali stqarr ukoll li huwa kien laqà t-talba tal-Onorevoli Prim Ministru sabiex jingħata kopja tar-Rapport fl-intier tiegħu "*...peress li huwa l-persuna li talbet li ssir l-inkjesta u li hija milquta direttament u b'mod krucjali fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-kariga pubblika tagħha mill-kontenut tar-rapport.*"

14. ILLI, f'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li d-deċiżjoni tal-intimat Avukat Ġenerali li jipprovdi lill-Onorevoli Prim Ministru, u għaldaqstant lill-esponenti tal-Gvern u tal-Partit Laburista stess, b'aċċess għall-informazzjoni kollha kontenuta fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali in kwistjoni, hija leżiva tad-dritt tal-individwu li jkun ħieles minn trattament diskriminatorju, kif sanċit fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta] u fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

15. ILLI l-pożizzjoni formali tal-intimat Avukat Ġenerali ġiet ripetuta fil-Kontro-Protest Ġudizzjarju bin-numru 225/18, intavolat minnu nhar il-wieħed u tletin ta' Lulju tas-

sena elfejn u tmintax (31.07.2018) b'referenza u b'risposta għall-Protest Ġudizzjarju bin-numru 221/18, intavolat mir-rikorrent fil-konfront tiegħu nhar is-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (26.07.2018). Fl-istess Kontro-Protest Ġudizzjarju, l-intimat Avukat Ġenerali jsejjes ir-rifjut tiegħu għat-talba magħmula lilu b'referenza għad-diskrezzjoni esklussiva li jgawdi minnha f'dan ir-rigward *ai termini* tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponenti qed jifhem li filwaqt li l-intimat qiegħed jaċċetta li din l-inkjesta partikolari hija ta' interess nazzjonali u konsegwentement għadda kopja lill-Prim Ministru fil-vesti kostituzzjonali tiegħu, kif ukoll għaliex huwa kien l-promotur tal-istess, l-istess intimat ma għamilx l-istess mal-Kap tal-Oppozizzjoni.

16. ILLI tali rifjut da parti tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll il-valutazzjoni sottostanti għat-teħid tal-istess deċiżjoni, huma afflitti min-nuqqas ta' proporzjonalità rikjesta mill-prinċipji ġenerali *in materia*, u dan stante li tali deċiżjoni tinjora għal kollox kwalunkwe forma ta' konsiderazzjonijiet relattivi għall-kariga kostituzzjonali tal-esponenti *qua* Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll tad-dmirijiet relattivi għall-istess kariga, senjatament il-funzjoni tiegħu ta' *'watchdog'* tal-operat tal-Eżekuttiv u tal-addetti u tar-rappreżentanti tiegħu. L-esponenti jfakkar li f'socjeta demokratika bħal tagħna hemm il-hatra ta' Kap tal-Opposizzjoni u dan iseħħ ai termini tal-artikolu 90 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din hija ħatra legali li l-istess liġi suprema tagħtiha l-istess importanza legali daqs dik tal-Prim Ministru.

17. ILLI, għaldaqstant, l-esponenti jissottometti li tali rifjut, u, *ergo,* ir-raġunijiet sottostanti għat-teħid tal-istess deċiżjoni, jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta], *ossia* vjolazzjoni tal-libertà u tad-dritt tiegħu li jirċievi u li jingħata aċċess għall-informazzjoni in kwistjoni.

18. ILLI, f'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li l-aċċess da parti tar-rikorrent għall-informazzjoni mitluba, huwa meħtieġ u essenzjali sabiex huwa jitqiegħed f'qagħda li jutilizza din l-informazzjoni sabiex jwettaq l-obbligi u d-dmirijiet derivanti mill-kariga kostituzzjonali tiegħu *qua* Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll sabiex ikun jistà jirregola ruħu fid-dawl ta' kwalunkwe riżultanzi ulterjuri derivanti mill-Inkjesta

Maġisterjali relattiva, senjatament id-dritt tiegħu li jissalvagwardja l-interessi relattivi għall-operat tal-Oppożizzjoni nfisha, kif ukoll l-interess pubbliku in ġenerali.

19. ILLI jrid jiġi rilevat ukoll li dan li qiegħed jiġi mitlub ma huwiex preċedent billi kif inhuwa magħruf u kif l-imsemmi intimat fil-kontro-protest tiegħu jaċċetta ma hiex l-ewwel darba li Inkjesta Maġisterjali ġiet ippublikata kollha kemm hija.

20. ILLI, in vista tal-fatt li huwa risaput li l-elezzjoni ġenerali miżmuma fis-sena 2017 kienet waħda kombattuta, missielta u li l-allegazzjonijiet li fformaw il-bażi għat-tnedija tal-Inkjesta Maġisterjali *de quo*, fil-fatt, kienu taw lok għas-sejħa tal-istess elezzjoni ġenerali, jiġi rrilevat li huwa fl-interess nazzjonali u fl-interess pubbliku, kif ukoll fl-interess tal-Oppożizzjoni u tal-Partit Nazzjonalista stess, li jiġu analiżżati r-riżultanzi probatorji formanti l-mertu tal-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti.

21. ILLI dan qiegħed jingħad mhux għax, b'xi mod, m'humiex qed jiġu akkolti u aċċettati l-konklużjonijiet tal-istess Inkjesta Maġisterjali. A kuntrarju, hija l-fehma konsiderata tal-esponenti li, mill-atti tal-istess Inkjesta Maġisterjali, jirriżultaw fatti li huma ndubitament ta' interess pubbliku, kif ukoll ta' interess politiku għall-Oppożizzjoni u għall-Partit Nazzjonalista. F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li huwa risaput li, fil-konklużjonijiet tal-Inkjesta Maġisterjali rrilaxxjati lill-pubbliku, jissemmew persuni politiċi, persuni pubbliċi u, saħansitra, persuni li huma nvoluti b'mod attiv fit-tmexxija tal-Eżekuttiv tar-Repubblika ta' Malta. Għaldaqstant huwa essenzjali, aktar minn qatt qabel, li r-rikorrent, bħala l-Kap tal-Oppożizzjoni u bħala l-Kap tal-Partit Nazzjonalista, jiġi pprovdut b'kopja tal-atti ta' din l-inkjesta fl-intier tagħha mingħajr aktar dewmien.

22. ILLI, għaldaqstant, id-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijet ta' Malta, *ossia* id-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-istess Artikolu tal-liġi, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess diskrezzjoni fil-kuntest tal-*fattispecie* partikolari ta' dan il-każ, huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanċiti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta], u dan in vista

tal-vjolazzjoni tal-libertà u tad-dritt tal-esponenti, fil-vesti tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, li jingħata aċċess għall-informazzjoni in kwistjoni sabiex ikun jistà jwettaq l-obbligi derivanti mill-kariga kostituzzjonali li jokkupa.

23. ILLI, sal-ġurnata tal-lum, l-intimat Avukat Ġenerali qiegħed jirrifjuta li jipprovdi kopja tal-atti tal-inkjesta fl-intier tagħhom lill-Kap tal-Oppożizzjoni, u dan b'detriment u bi preġudizzju għall-kunċett ta' transparenza u kontabilità mistenni fl-operat tal-Eżekuttiv tar-Repubblika ta' Malta.

24. ILLI hija l-fehma tar-rikorrent li r-rifjut tal-intimat Avukat Ġenerali li jipprovdih b'aċċess għall-atti tal-inkjesta dwar il-kumpannija *Egrant inc.* ma huwiex legalment ġustifikat u, fil-fatt, imur kontra l-interess nazzjonali u l-interess pubbliku, senjatament l-interessi u d-dmirijiet tiegħu relattivi għall-kariga kostituzzjonali okkupata mir-rikorrent *qua* Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll l-operat u l-interessi tal-Oppożizzjoni u tal-Partit Nazzjonalista.

25. ILLI, għaldaqstant, ir-rikorrent, fil-vesti u fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, qiegħed jadixxi lill-Onorabbli Qorti sabiex tipprovdi r-rimedji meħtieġa u opportuni sabiex jiġu rispettati u osservati l-garanziji naxxenti mill-osservanza tad-drittijiet u tal-libertajiet fondamentali tal-bniedem f'soċjetà demokratika.

GĦALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-esponenti, fil-vesti u fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, jitlob bir-rispett lill-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. TORDNA lill-intimat Avukat Ġenerali għar-raġunijiet hawn fuq esposti, anke pendenti l-eżitu ta' din il-kawza, sabiex immedjatament jgħaddi u jipprovdi lir-rikorrenti kopja sħiħa tar-rapport tal-Inkjesta Maġisterjali li ġie konkluż mill-Maġistrat Dott. Aaron Bugeja f'dan il-kaz.

2. TIDDIKJARA li d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-intimat Avukat Ġenerali *ai termini* tal-istess Artikolu tal-Liġi, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess diskrezzjoni, *ossia* r-rifjut tal-intimat Avukat Ġenerali li jipprovdih b'aċċess u/jew li jipprovdih b'kopja tal-atti kollha tal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpannija *Egrant Inc.*, u/jew in-nuqqas tiegħu li jippubblika kopja tagħhom fl-intier tagħhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta] u/jew fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

3. TIDDIKJARA li d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-intimat Avukat Ġenerali *ai termini* tal-istess Artikolu tal-Liġi, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess diskrezzjoni, *ossia* r-rifjut tal-intimat Avukat Ġenerali li jipprovdih b'aċċess u/jew li jipprovdih b'kopja tal-atti kollha tal-inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpannija *Egrant Inc.*, u/jew in-nuqqas tiegħu li jippubblika kopja tagħhom fl-intier tagħhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta] u/jew fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

4. TORDNA lill-intimat Avukat Ġenerali sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni meqjusa opportuna f'dan ir-rigward, jottempra ruħu mad-direttivi li jistgħu talvolta jitqiesu bħala meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u/jew li TIPPROVDI lill-esponenti bir-rimedji meqjusin opportuni sabiex jitiqegħed f'qagħda li jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi derivanti mill-kariga kostituzzjonali tiegħu.

5. TORDNA konsegwentement li l-intimat Avukat Generali sabiex jippubblika kopja tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpannija *Egrant Inc* mingħajr dewmien sabiex hu jitqiegħed f'qagħda li jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi derivanti mill-kariga kostituzzjonali okkupata minnu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa msejjaħ għas-subizzjoni."

Rat **ir-risposta tal-Avukat Generali** preżentata fit-30 t'Awwissu, 2018, fejn ġie eċċepiet is-segwenti**:**

1. **"Id-Drittijiet Pretiżi mir-Rikorrent**

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma mibnija fuq zewg binarji:

- fl-ewwel lok "*li d-deċizjoni tal-intimat Avukat Generali li jipprovdi lill-Onorevoli Prim Ministru, u ghaldaqstant lill-esponenti tal-Gvern u tal-Partit Laburista stess, b'aċċess ghall-informazzjoni kollha kontenuta fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali in kwistjoni, hija leżiva tad-dritt tal-individwu li jkun ħieles minn trattament diskriminatorju, kif sanċit fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [l-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta] u fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta",* u

- fit-tieni lok "*li tali rifjut, u ergo, ir-raġunijiet sottostanti ghat-teħid tal-istess deċiżjoni, jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta], ossia vjolazzjoni tal-liberta' u tad-dritt tiegħu li jirċievi u li jingħata aċċess ghall-informazzjoni in kwistjoni".* F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jinvoka wkoll l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. **Il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati għar-raġunijiet segwenti**:-

2.1 Illi, *in linea* preliminari,l-azzjoni odjerna hija abbuziva tal-proċess ġudizzjarju u tal-l-proċess kostituzzjonali billi r-rikorrent qiegħed jadopera proċedura straordinarja

bhal ma hija l-proċedura odjerna meta, jekk dak li qed jissottometti huwa validu, ghandu għad- disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretiżi minnu.

Illi sostanzjalment f' din il-kawża r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-eżercizzju tad-diskrezjoni da parti tal-esponent fit-termini tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi tali ezercizzju ta' diskrezjoni dwar lil min tiġi rilaxxjata kopja ta' proċess verbal ta' Inkjesta hija rivedibbli ai termini tal-Artiko9lu 469A tal- Kap 12.

F'dan ir-rigward, l-esponent jeċċepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni in vista tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u l-esponenti għalhekk jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżercita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u l-ġurisdizzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) tagħha u dan ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni rispettivament;

2.2 Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-esponenti jibda biex jirrileva illi l-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali jipprovdi fl-ewwel paragrafu tiegħu dwar min jista jara l-atti u d-dokumenti tal-Qrati Kriminali. Illi bħala principju generali dan l-artikolu jipprovdi ghall-projbizzjoni assoluta tal-aċċess ghall-atti gudizzjarji tal-Qrati Kriminali ("L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom"). Dik il-projbizzjoni hija mxellfa biss meta jingħata permess specjali mill-Qorti jew meta l-aċċess jingħata lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawza jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet filwaqt li huwa stipulat ukoll li l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti fil-miftuh jista' jarahom kullhadd.

Illi l-proċessi verbali u l-atti tal-inkjesti Magisterjali huma trattati specifikatament fil-*proviso* tal-Artikolu 518 li jipprovdi tassattivament li aċċess għal dawn l-atti ġudizzjarji (relatati mal-investigazzjoni ta' reati serji) jista' jingħata biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali. Dan jfisser li tali dokumenti m'humiex

aċċessibbli pubblikament u ħadd ma għandu *a priori* dritt li jarahom ħlief skont il-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

Illi għalhekk il-punt tat-tluq huwa li jiġi eżaminat il-ħsieb tal-leġislatur (ir-*ratio legis*) wara tali divjet. Illi essenzjalment il-leġislatur ried li jżomm kemm jista' jkun kunfidenzjali l-inkjesta Magisterjali. Dan sabiex tiġi rispettata l-preżunzjoni tal-innoċenza, sabiex ma jkunx hemm intralċ fl-investigazzjonijiet li jkunu jridu jsegwu l-inkjesta jew meta jkunu ser jinħarġu akkuzi kontra xi persuni, skont il-kaz.

Illi huwa f'każijiet eċċezzjonali ferm li titratta materja ta' interess nazzjonali li l-esponenti awtorizza l-pubblikazzjoni tal-proċess verbal jew l-konkluzjonijiet tal-istess (il-pubblikazzjoni tal-atti kollha u d-dokumenti tal-inkjesta Magisterjali f'tali każijiet ma tingħatax).

Illi ma hemm l-ebda dubbju li l-inkjesta Magisterjali li ghaliha ssir riferenza fir-rikors promotur taqa' fl-isfera ta' interess pubbliku stante li kienet tirreferi ghall-persuna li tokkupa l-kariga ta' Prim Ministru li hija l-ogħla kariga eżekuttiva tal-pajjiz. Illi huwa fl-interess pubbliku li l-poplu jkun magħarraf bl-eżitu ta' tali inkjesta magisterjali u dan peress li l-pubbliku ghandu kull dritt li jkun infurmat bil-konklużjonijiet ta' inkjesta li taffettwa l-eżerċizzju tal-ogħla kariga eżekuttiva tal-Istat.

Madankollu dan ma jfissirx illi la darba jkun hemm dak l-interess pubbliku biex il-poplu jkun informat allura għandhom jiġu njorati d-drittijiet u l-interessi soċjali l-oħra kollha li jkun hemm involuti bħal ma huma l-preżunzjoni tal-innoċenza, l-protezzjoni ta' nformazzjoni li tkun ingħatat b' siġriet, il-protezzjoni tad-dritt għar-riżervatezza u l-ħtieġa li jkunu protetti investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet sussegwenti.

Illi għalhekk l-argument tar-rikorrent fis-sens illi la darba hemm dak li jsejjaħ interess nazzjonali li l- inkjesta tiġi pubblikata fl-intier tagħha allura dan għandu jsir

minkejja kollox u in partikolari minkejja l-obbligu li wieħed jirrispetta d-drittijiet u l-ħtiġijiet soċjali l-oħra kollha involuti huwa fallaċi. L-eserċizzju ta' diskrezjoni impost mill-proviso tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali jinvolvi s-sejbien ta' bilanċ liema bilanċ qatt ma jista' jitqies li jkun nstab jekk interess wieħed ( u cioe l-interess li jsir dibattitu pubbliku dwar ir-rapport kollu tal-inkjesta fiħ x' fiħ) jipprevali fuq id-drittijiet u l-interessi soċjali l-oħra kollha mingħajr ma jkun neċessarju jew proporzjonat li dan isir.

Huwa veru illi f' demokrazija l-poplu għandu dritt li jkun informat b' avvenimenti importanti fil-ħajja pubblika u politika tal-pajjiż iżda dan ma jfissirx illi dak id-dritt ma għandux jiġi moderat mill-ħtieġa tar-rispett għal drittijiet oħra. Altrimenti certi drittijiet bhall-preżunzjoni tal-innoċenza, d-dritt tar-rizervatezza, u d-dritt ghall-protezzjoni ta'nformazzjoni mogħtija b' siġriet jispiċċaw kompletament.

Il-pretensjoni tar-rikorrent hija għalhekk mibnija fuq idea fallaċi tal-ħtiġijiet u tal-bilanċi li jesigi t-thaddim tas-sistema demokratiku u t-twettiq tad-drittijiet fondamentali.

2.3 Illi in kwantu r-rikorrent jallega diskriminazzjoni in konfront tieghu stante li l-Prim Ministru ingħata kopja tal-atti tal- inkjesta Magisterjali filwaqt li r-rikorrent ma ngħatax tali kopja, l-esponenti jibda biex jirrileva li l-Prim Ministru ingħata biss kopja tar-rapport tal-inkjesta Magisterjali u cioe' tal-proċess verbal u mhux tal-atti kollha tal-Inkjesta Magisterjali. Illi dan il-fatt kien ukoll ikkomunikat lir-rikorrenti fl-email tal-esponenti fejn ghamilha ċara li dak li ngħata lill-Prim Ministru kien ir-rapport (kopja tal-email tal-esponenti annessa u mmarkata bhala 'Dok. AG 1'). Illi dan ifisser li dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa ċar li jmur saħansitra oltre dak li kien ingħata lill-Prim Ministru u għalhekk ċertament li l-paragun ta' sitwazzjonijiet identici li huwa neċessarju sabiex wiehed jibda jitkellem fuq diskriminazzjoni huwa karenti.

Lanqas ma huwa rilevanti l-argument tar-rikorrent illi huwa kellu dritt għar-rapport tal-Inkjesta għax bhala Kap tal-Oppozizzjoni huwa jwettaq kariga u funzjoni Kostituzzjonali. Il-fatt illi wiehed iwettaq kariga Kostituzzjonali ma jagħti ebda dritt illi wieħed jingħata aċċess għal kull dokument tal-prosekuzzjoni jew ukoll tal-Gvern. Ir-regoli u l-proċeduri parlamentari huma ċari u joħorġu ukoll mill-liġi u l-parametri tad-dritt għal aċċess għal dokumenti huma definiti u ma jistgħux jiġu estiżi biss abbażi ta' allegazzjoni ġenerika fis-sens illi r-rikorrent qed jiġi mċaħħad milli jeżerċita xi kariga Kostituzzjonali għax ma għandux xi dokument li l-liġi ma tagħtih ebda dritt għalih.

Ir-rikorrent jezerċita l-kariġa Kostituzzjonali tieghu fil-qafas tal-liġi u tal-Kostituzzjoni u għalhekk inter alia tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi:

"(3) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.".

Ghad li dan is-sub-artikolu ma jfissirx illi l-Avukat Ġenerali huwa 'l-fuq mil-liġi in kwantu ghall-ħtiega ta' rispett tad-drittijiet fondamentali , ifisser għall-inqas illi l-Avukat Ġenerali jezerċita d-diskrezjoni tiegħu fuq il-ġudizzju individwali tiegħu biss u ma jistax jiġi tenut li naqas għax mexa b' mod arginmat u mhux b' mod illi jqanqal id-dibattitu politiku akkost ta' kollox. Dik ħaġa li jrid jaraha, jiddeċidiha u jerfagħha hu, kif tghabbiħ il-Kostituzzjoni u l-parametri tal-ezercizzju ta' drittijiet u funzjonijiet ohra huma arginati b' dak il-poter u responsabbilita, sakemm dan tal-ahhar ma jivvjolax id-drittijiet fondamentali.

Ghalhekk l-argument fis-sens illi l-esercizzju tad-diskrezjoni tal-Avukat Generali tikser id-drittijiet fondamentali ghax tirrestringi lir-rikorrent fl-esercizzju tal-funzjonijiet tieghu kif irid hu, huwa *non sequitur* ghax huwa ovvju illi l-qafas legali u kostituzzjonali jirrestringi diversi detenturi ta' karigi milli jaghmlu li jridu.

Illi l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti jonqos ukoll milli jindika fuq liema kawżali jew stat huwa allegatament ġie diskriminat iżda jħalli din il-kwistjoni biss għall-immaġinazzjoni fis-sens li jhalli lill-qorti tassumi hi l-kawżali. Illi anke fuq dina r-raguni biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jiġi kkunsidrat. F'dan ir-rigward l-esponent jissottometti wkoll illi huwa neċessarju illi sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qiegħed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament differenti u li l-paragun isir fuq il-bażi ta' '*like with like*' u cioe' li wieħed irid iqabbel persuni f'sitwazzjonijiet identiċi jew sostanzjalment identiċi u jispjega kif dawn ingħataw trattament differenti. *Di piu',* l-esponent jissottometti illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull "*distinzjoni*" neċessarjament tammonta ghal "*diskriminazzjoni*" fis-sens ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Illi l-protezzjonijiet kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni Ewropeja kontra d-diskriminazzjoni ma jissarfux f'obbligu li f'kaz li tingħata kopja ta' proċess verbal lill-persuna direttament konċernata fl-inkjesta allura tali kopja jiġi li awtomatikament u bi dritt għandha tingħata lil xi terza persuna li ma tkunx fl-istess sitwazzjoni tal-persuna li lilha tkun ġiet rilaxxjata tali kopja. Illi huwa evidenti li s-sitwazzjoni tal-Prim Ministru fir-rigward tal-inkjesta Maġisterjali in kwistjoni hija għal kollox differenti minn dik tar-rikorrenti u tal-pubbliku in ġenerali. La r-rikorrenti u lanqas il-pubbliku in ġenerali ma kien fil-mira diretta tad-domandi speċifiċi li ndirizzat l-inkjesta u li kien biss il-Prim Ministru li, kif iddikjara li kien ser jagħmel *a priori* mal-ftuħ ta' l-inkjesta, kellu jieħu deċiżjonijiet kruċjali dwar il-kariga tieghu (l-ogħla kariga ezekuttiva tal-pajjiz) wara l-konklużjoni ta' inkjesta u skond ir-riżultanzi ta' l-istess. Illi mill-banda l-oħra kull persuna oħra inkluż ir-rikorrenti kellu jkun informat bil-konklużjonijiet tal-inkjesta, liema konklużjonijiet ġew fil-fatt pubblikati mill-esponent fl-intier tagħhom, pero' dan ma jġibx bħala konsegwenza xi dritt fil-pubbliku kollu, inkluż ir-rikorrent, li l-inkjesta tiġi pubblikata bid-dettalji kollha tagħha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 45 (7) u (8) tal-Kostituzzjoni u li effettivament jirrendu l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni inapplikabbli ghas-sitwazzjoni odjerna u dan stante illi (a) id-

distinzjoni bejn il-posizzjoni tal-Prim Ministru u dik ta' persuni oħra inkluż dik tar-rikorrenti hija raġjonevolment gjustifikabbli f'soċjeta' demokratika in vista tal-konnessjoni u l-impatt partikolari tal-inkjesta fuq l-eserċizzju tal-kariga tal-Prim Ministru; (b) anke f'każ li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tar-rapport sħiħ tal-inkjesta jitqies (biss għall-grazzja tal-argument) li huwa 'restrizzjoni' fuq il-liberta' tal-espressjoni, dik ir-restrizzjoni hija fi kwalunkwe każ permessa mill-Artikolu 41 (2) tal-Kostituzzjoni u għalhekk l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma japplikax dwarha in forza tas-subartikolu 45 (7) tal-Kostituzzjoni; u (ċ) deċiżjoni dwar pubblikazzjoni *o meno* ta' inkjesta Magisterjali hija deċiżjoni li tikkonsisti fl-esercizzju ta' diskrezzjoni dwar l-għemil jew tmexxija ta' proċeduri kriminali (liema proċeduri jekk jiġu istitwiti jkunu bażati fuq dik l-Inkjesta u huma direttament impattati minnha) u għalhekk l-applikazzjoni għaliha tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni hija ukoll eskluża fit-termini tas-subartikolu (8) tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Illi fl-ambitu tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta b'deċizjoni tiegħu l-esponenti kkonċeda li tingħata kopja tar-rapport tal-inkjesta Maġisterjali lill-Prim Ministru fil-kariga uffiċjali tiegħu filwaqt li jiġu pubblikati għall-pubbliku in ġenerali il-konklużjonijiet u r-rimarki tal-għeluq tal-istess rapport, huwa bl-ebda mod ma wettaq diskriminazzjoni kontra r-rikorrent jew kontra l-pubbliku in ġenerali iżda li għamel huwa li ddistingwa l-posizzjoni partikolari tal-Prim Ministru minħabba l-impatt partikolari li l-inkjesta Magisterjali seta' kellha fuq l-eżerċizzju tal-kariga tiegħu b'mod esklussiv.

Illi minkejja li b'mod suġġettiv persuna tkun tħoss li ghandha dritt għal kopja ta' dokument madankollu ċaħda ta' tali talba ċertament li ma tissarrafx f'leżjoni tad-dritt fondamentali tal-individwu u dan stante li m'huwiex dritt u wisq inqas ma hu dritt fondamentali li wieħed ikollu kopja ta' proċess verbal u wisq inqas hemm diskriminazzjni jekk kopja ta' proċess verbal tigi rilaxxjata lill-persuna li tkun direttament interessata, speċjalment meta dan isir minħabba l-eserċizzju tal-kariga eżekuttiva tagħha.

Illi jsegwi għalhekk li ma hemm l-ebda leżjoni tal-aritkoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif allegat mir-rikorrent.

2.4 Illi in kwantu r-rikorrent jallega ksur tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni kif protett permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi ma ngħatax kopja tal-atti kollha tal-inkjesta Magisterjali, l-esponenti jirrileva fl-ewwel lok li d-dritt li wieħed jirċievi informazzjoni kif protett mid-dritt tal-liberta' tal-espressjoni ma japplikax għal informazzjoni li persuna li ma tkunx trid tittrasmettiha lil ħaddiehor iżda japplika biss dwar ir-riċezzjoni ta' informazzjoni u idejat li min ikun qiegħed jibgħathom ikun irid hekk jibgħathom. Isegwi għalhekk li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitrattaw id-dritt għall-liberta' tal-espressjoni huma irrilevanti fil-kuntest tal-fatti odjerni fejn l-Avukat Ġenerali, in vista tal-interess pubbliku fl-inkjesta Magisterjali, ddeċieda li jippubblika l-konklużjonijiet u r-rimarki tal-għeluq tal-proċess verbal filwaqt li minħabba l-effett partikolari li din l-inkjesta Maġisterjali jista' jkollha fuq l-eżerċizzju tal-kariga tal-Prim Ministru li jokkupa l-ogħla kariga eżekuttiva tal-Istat irilaxxa kopja sħiħa tal-proċess verbal lill-istess Prim Ministru. Illi kif diġa' ntqal aktar 'il fuq f'din ir-risposta l-esponenti ma rrilaxxax kopja tal-atti kollha tal-inkjesta Maġisterjali lill-Prim Ministru.

Mingħajr preġudizzju għall-premess qiegħed jiġi eċċepit li anke kieku stess għall-grazzja tal-argument kellu jiġi konċess li l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni huma applikabbli, il-limitazzjoni fuq l-aċċess għall-informazzjoni kontenuta fil-parti tal-proċess verbal li ma ġietx pubblikata hija ġustifikata in linea ma dak li jipprovdu dawn l-artikoli.

Illi l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta filwaqt illi jenunċjaw bħala dritt fondamentali d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, jkomplu biex jirrikonoxxu li dan id-dritt ma huwiex wieħed assolut u jiċċirkoskrivu f'liema każijiet huwa permissibbli mill-istess artikoli li jkun leċitu li jsiru limitazzjonijiet jew interferenzi fl-eżerċizzju ta' dak id-dritt b' mod preskritt mil-liġi. Għalhekk huwa evidenti illi d-dritt protett b'dana l-Artikolu m'huwiex wieħed assolut iżda hemm certi restrizzjonijiet illi l-Istat jista' b'mod proporzjonat

jimponi fir-rigward ta' l-eżerċizzju tiegħu abbażi ta' raġunijiet speċifiċi u meta dan ikun provdut mil-liġi.

L-esponenti jissottometti illi l-Istat igawdi ċertu marġini ta' apprezzament sabiex jillimita dan id-dritt. Kif dejjem gie ritenut mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta jkunu preskritti b'liġi, jsiru għal għan leġittimu u jkunu neċessarji f'soċjeta' demokratika.

Illi kif intwera' aktar il fuq f'din ir-risposta, l-Artikolu 518 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitratta l-aċċess għall-atti u d-dokumenti tal-qrati ta' ġustizzja kriminali u jillimita l-aċċess ghall-Avukat Generali, għall-partijiet fil-kawża u għall-avukat jew prokuratur legali li jkunu qegħdin jippatroċinaw lill-partijiet. L-artikolu 518 tal-Kap. 9 jipprovdi wkoll li l-atti li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom.. L-istess artikolu jipprovdi wkoll dwar l-aċċess għall-proċessi verbali u ċioe' f'dawk l-istanzi fejn ma jkunx hemm kawża u f'kaz ta' inkjesta Magisterjali li tikkonsisti f'dokument tal-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni, il-liġi tafda l-aċċess għal tali dokumenti fid-diskrezzjoni tal-esponent.

Illi minn qari anke superficjali tal-Artikolu 518 tal-Kap. 9 jirriżulta li jekk wieħed jikklassifika l-limitazzjoni tal-aċċess għall-atti tal-inkjesta Magisterjali, inkluż l-proċess verbal, bħala 'restrizzjoni' ai termini tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li tali restrizzjoni hija waħda preskritta b'liġi bil-konsegwenza li l-ewwel rekwiżit impost mill-artikoli kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa sodisfatt.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni rekwiżit, u cioe l-għan wara l-miżura, il-legittimita' u n-neċessita' ta' dan l-għan huwa wkoll ampjament sodisfatt: ma hemm l-ebda dubju li l-għan wara l-miżura huwa, *inter alia,* sabiex ma jkun hemm l-ebda intralċ mal-investigazzjoni kriminali u sabiex f'każ li persuna tkun ikkommettiet reat tali persuna twieġeb għall-egħmil tagħha quddiem il-qrati kompetenti b' mod li jkun

hemm protezzjoni tal-preżunzjoni tal-innoċenza u f' kaz li l-inkjesta tkun tiżvela nformazzjoni kunfidenzjali jew sigrieta din ma tiġix reża pubblika mingħajr ma jkun hemm bżonn soċjali li jsir hekk..

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet rekwizit u cioe' l-ħtieġa f'soċjeta' demokratika marbuta mat-test tal-proporzjonalita', l-esponenti jissottometti li l-miżura hija imposta għall-iskop li jiġu protetti d-drittijiet ta' terzi ('id-dritt għar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddiehor' u sabiex tiġi evitata d-diżordni – Artikolu 10 (2) tal-Konvenzjoni; u 'fl-interess tal-ordni pubbliku' u 'sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jigi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorita' u l-indipendenza tal-qrati' – Artikolu 41 (2) (a) (i) u (ii) tal-Kostituzzjoni).

Illi jsegwi għalhekk li ma hemm l-ebda leżjoni ta' dawn l-artikoli.

## 3. Ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti

Illi bħala rimedju għall-allegata vjolazzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob (a) ordni pendenti s-smiegħ tal-azzjoni odjerna li jingħata kopja sħiħa tar-rapport; (b) rimedju dikjaratorju ta' leżjoni; u (c) ordni sabiex l-esponenti jippubblika kopja tal-atti tal-inkjesta Magisterjali.

Illi fil-fehma tal-esponenti l-ilqugħ tat-talba tar-rikorrenti għall-għoti tal-ordni sabiex pendenti s-smiegħ tal-azzjoni odjerna jingħata kopja sħiħa tar-rapport tal-inkjesta Maġisterjali jkun ifisser li b'tali ordni dina l-Onorabbli Qorti tkun iddeċiediet il-vertenza definittivament qabel ma bdiet tinstema' l-kawża! Għala qiegħed jingħad hekk? Qiegħed jingħad hekk stante li dak li effettivament qiegħed jitlob ir-rikorrenti huwa li jingħata kopja tar-rapport flimkien mal-atti tal-inkjesta Magisterjali u li għalhekk jekk fil-pendenza tas-smiegħ tal-kawża odjerna tingħata tali ordni jkun

ifisser li r-rimedju finali li qiegħed jintalab ikun ingħata diga' *qabel* ma dina l-Onorabbli Qorti jkollha l-opportunita' teżamina *funditus* l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni miġjuba quddiemha. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment fl-ismijiet **Mario Borg vs L-Avukat Generali** (rikors kostituzzjonali 43/2016JRM) tal-14 ta' Ġunju 2016 fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha f'kuntest ta' talba għall-għoti ta' miżura provviżorja ċaħdet talba għall-ħruġ ta' miżura provvizorja wara li osservat illi "*terga' u tghid, wahda mit-talbiet ewlenin tar-rikorrent fil-kaz tal-lum (l-ewwel wahda fir-rikors promotur) hija li din il-Qorti tordna li r-rikorrent jinheles mill-habs. Bit-talba li qieghed jaghmel f'dan ir-rikors ghall-ghoti ta' rimedju provvizorju, il-Qorti qieghda effettivament tintalab tiddeciedi l-mertu tal-imsemmija talba qabel ma l-kaz ghadu gie trattat quddiemha".*

Illi f'kuntest ta' kawża kostituzzjonali f'kaz li jiġi ravviżat ksur r-rimedju li dejjem għandu jingħata huwa wieħed dikjaratorju u f'ċertu każijiet jingħata wkoll rimedju monetarju sabiex jirrimedja l-vjolazzjoni. Madankollu r-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tmur oltre minn dak ir-rimedju, rimedju li jmur il-bogħod mir-rimedju li jingħata f'kawżi kostituzzjonali mill-qrati nostrani kif ukoll mill-Qorti Ewropeja meta qiegħed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li l-atti tal-inkjesta Maġisterjali jiġu pubblikati u reżi pubbliċi bħala rimedju. Illi ċertament li tali rimedju jmur lilhinn minn dak li jaħsbu għalihom id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni u dan kif dejjem ġew interpretati fil-ġurisprudenza bil-konsegwenza li dina l-Onorabbli Qorti qegħdha tiġi mitluba li tmur oltre dak li huwa mitlub minnha u oltre l-funzjonijiet tagħha. Illi għalhekk, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jissottometti illi anke f'kaz ta' leżjoni r-rimedju qatt ma jista' jkun il-pubblikazzjoni tal-proċess verbal b' mod illi biex jingħata rimedju r-rikorrent jiġu skartati jew perikolati d-drittijiet ta' ħaddiehor u interessi soċjali, nkluż tas-sistema ġudizzjarju li jimmeritaw li jiġu protetti.

4. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjeż.

Rat ir-rikors li kien ippreżenta r-rikorrent kontestwalment mar-rikors promotur, ir-risposta tal-intimat u l-provvediment tas-16 ta' Awissu 2018.

Rat il-provvediment tas-17 ta' Settembru 2018.

Semgħat ix-xhieda u rat il-provi l-oħra kollha li tressqu fil-kors tal-kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li ppreżentaw iż-żewġ partijiet fil-11 ta' Frar 2019 u fil-25 ta' Frar 2019 rispettivament.

Semgħat it-trattazzjoni orali tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2019.

Rat l-atti l-oħra kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

***Ir-Rikorrent l-Onor. Dr. Adrian Delia.***[1]

Ir-rikorrent spjega li bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista huwa għandu rwol statutorju li joħroġ mill-istatut tal-Partit Nazzjonalista u għandu rwol pubbliku li jwassal il-messaġġ politiku. Spjega wkoll illi bħala Kap tal-Oppożizzjoni għandu rwol kostituzzjonali, fejn jaġixxi bħala 'watchdog' tal-eżekuttiv billi jiskrutinja dak li qed jagħmel il-Gvern u fejn 'jitqiegħed fuq livell at par mal-Prim Ministru u mal Gvern

[1] Paġni 56 sa 75 tal-proċess.

tal-ġurnata biex ikollu l-informazzjoni kollha sabiex ikun jista' jagħmel dibattitu politiku'[2].

Ir-rikorrent spjega li għamel it-talba għall-kopja tal-proċess verbal kollu inkluż il-konklużjonijiet a bażi tad-dritt tal-espressjoni u abażi tal-funzjonijiet konstituzzjonali tiegħu bħala Kap li jeħtieġlu l-informazzjoni kollha sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu.

Ix-xhud għadda sabiex ikwota mill-konklużjonijiet prinċipali u x'kien ġie investigat mill-Maġistrat Inkwirenti u ċioe jekk is-Sinjura Michelle Muscat hijiex il-*beneficial owner* ta' Egrant Inc. u jekk il-Prim Ministru u *politically exposed persons* (John Dalli, Keith Schembri u Konrad Mizzi) setgħux kienu involuti f'xi korruzzjoni u ħasil ta' flus u transazzjonijiet finanzjarji minn kontijiet ta' *politically exposed persons* minn Azerbaijan. Ir-rikorrent jirritjeni li 'Dawn il-punti saljenti jew l-akkuzi, l-allegazzjonijiet saljenti, illi kellhomm jigu investigati, mill-konklużżjonijiet biss, jirrizulta illi kien hemm bizzejjed, biex ikunu mwiegbin, mill-konkluzzjonijiet'. Jispjega li l-konklużjonijiet tal-Inkjesta pubblikati mill-Avukat Ġenerali kienu biżżejjed għall-Prim Ministru li jkun jaf x'ħareġ mill-inkjesta u hekk l-Avukat Ġenerali kien iżomm il-bilanċ bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. B'analoġija mal-funzjonijiet tal-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni jixhed li jekk il-Prim Ministru ried id-dokumenti sabiex ikun jista' jamministra u jeżeġwixxi l-funzjonijiet tiegħu, daqstant ieħor huwa għandu dritt jiskruttrinizza, iqajjem punti politiċi, isaqsi u jkun *watchdog* fuq l-eżekuttiv billi jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni.

Isostni illi l-bażi tal-vjolazzjoni tad-dritt tal-espressjoni huwa l-fatt li l-Prim Ministru għandu informazzjoni li l-Kap tal-Oppożizzjoni m'għandux. Dr. Adrian Delia jispjega li bid-deċiżżjoni tal-Avukat Ġenerali, l-Prim Ministru ġie ppriviliġat b'informazzjoni li l-Partit Laburista u l-Gvern qed juza u jagħmel deċiżjonijiet a bażi tal-istess rapport iżda mhux l-istess il-Kap tal-Oppożizzjoni li ma jistax jagħmel kummenti politiċi u ma jistax jieħu certi deċiżjonijiet fosthom fir-rigward ta' nies li

[2] Paġna 57-58 tal-proċess.

jissemmew fl-istess rapport u li huma nvoluti fil-politika. B'dan kollu għalhekk jirritjeni li nħoloq 'żbilanċ politiku'[3].

Il-Kap tal-Oppożizzjoni jispjega fix-xhieda tiegħu li mill-qari tal-konklużjonijiet għalkemm kien ta' interess għal Prim Ministru li jkun jaf x'ġie misjub fil-konfront ta' martu u familjari oħra, mhux l-istess jista' jingħad għall-kumplament tal-konklużjonijiet li huma allaċjati ma' informazzjoni politika.

In kontro-eżami, r-rikororent qabel li l-karigi kostituzzjonali tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni huma ta' natura distinta u differenti minn xulxin. Għal mistoqsija in kontro-eżami dwar kif huwa diskriminat, ir-rikorrent jirrispondi billi jgħid illi *'fir-rikors tieghi qed nallega li ghandi d-dritt fundamentali, 'a fundamental human right and a constitutional right', dritt tal-informazzjoni msejjes fuq id-dritt tal-espressjoni hielsa marbut ukoll mal-fatt illi ghandi kariga pubblika u l-informazzjoni illi moghtija lili hija ta' interess pubbliku, ta' interess nazzjonali. Qed nallega wkoll, illi bl-agir tal-Avukat Generali qieghed lill-Kap tal-Oppozizzjoni, lill-Kap tal-Partit Nazzjonalista, fi zbilanc politiku u ikreja zbilanc politiku'*[4]

***L-Intimat l-Avukat Ġenerali***[5]

L-Avukat Ġenerali beda t-testimonjanza tiegħu billi spjega li l-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 jagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħti o meno aċċess ta' Inkjesta Maġisterjali lil xi ħadd. Jirreferi għall-Artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi d-diskrezzjoni li l-liġi tagħti lill-Avukat Ġenerali sabiex jiddeċiedi fuq il-ġudizzju tiegħu, din id-diskrezzjoni tiġi eżerċitata mingħajr direzzjoni jew kontroll ta' xi awtorità oħra. Sostna illi fil-qasam penali hemm funzjonijiet li jistgħu jitqiesu kważi ġudizzjarji. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali huwa wkoll *legal advisor* tal-istituzzjonijiet tal-Gvern (u mhux avukat privat ta' xi politikant).

[3] Paġna 68 tal-proċess.
[4] Paġna 71 tal-proċess.
[5] Paġni 132 sa 181 tal-proċess.

Fir-rigward tal-Inkjesta tal-Egrant Inc., l-Avukat Ġenerali jispjega li l-involviment tiegħu ma kienx li jagħti xi parir iżda sabiex jiddeċiedi jekk tiġiex ppubblikata inkjesta u jekk jiġux rilaxxati kopji tagħha; il-funzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward kien dak eżerċitat bis-saħħa tal-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali.

Meta ġie mistoqsi jekk l-Avukat Ġenerali jifformax parti minn xi Ministeru, spjega li kull dipartiment u kull fergħa amministrattiva taqa' taħt xi Ministeru. Fir-rigward tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali dan jaqa' taħt il-Ministru responsabbli mill-ġustizzja bħal m'huwa l-Qorti tal-Ġustizzja ta' Malta, biss pero bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ jew l-uffiċċjali fi ħdan l-Uffiċċju huma soġġetti għal dak li jgħid il-Ministru tal-Ġustizzja għaliex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa awtonomu; il-Ministru tal-Ġustizzja jassisti amministrattivament meta jidħol budget, etc. Emfasizza illi għalkemm l-Avukat Ġenerali jaqa' taħt il-kappa tal-Eżekutti, m'għandux jinftiehem li huwa m'għandux l-indipendenza fid-deċiżżjonijiet li jieħu.

L-Avukat Ġenerali xhed li ma kellu l-ebda rwol sabiex inbdiet l-Inkjesta Egrant.[6] Spjega li fl-20 ta' Lulju 2018 il-Maġistrat Inkwirenti bgħat għall-Assistent Avukat Ġenerali Dr. Philip Galea Farrugia u għaddielhu l-proċess verbal, Dan ta' l-aħħar informa lill-Avukat Ġenerali b'dan il-fatt u ltaqgħu l-għada is-Sibt sabiex jarawh flimkien. Is-Sibt filgħodu, l-Avukat Ġenerali ħareġ stqarrija (li bgħat huwa stess lid-Dipartiment tal-Informazzjoni mingħajr involviment tal-Ministeru) li kellu fil-pussess tiegħu l-inkjesta u li qed tiġi eżaminata. Wara din l-istqarrija, l-Avukat Ġenerali jgħid li bdew ħirġien diversi stqarrijiet sabiex ikun hemm il-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-Inkjesta Egrant. L-Avukat Ġenerali spjega li huwa ma ħassux li kellu jippubblika l-inkjesta kollha meta din kienet voluminuża u kien jeħtieġ li tiġi eżaminata. Wara nofsinhar, l-Avukat Ġenerali rċieva ittra mill-Avukat Dr. Pawlu Lia għan-nom ta' Joseph Muscat, Prim Minsitru ta' Malta u tal-mara tiegħu fejn permezz tagħha talab il-pubblikazzjoni tal-inkjesta kif ukoll kopja tagħha. F'dan ir-rigward, spjega li:

[6] Mistoqsijiet dwar jekk l-Avukat Ġenerali kellux rwol waqt l-investigazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti u/jew jekk telgħax jixhed, ġew opposti in vista li l-proċess kollu inkluż minn telgħa jixhed quddiem Maġistrat Inkwirenti hija waħda sigrieta.

"...mill-ezami li bdejna naghmlu tal-inkjesta bdew jirrizultaw, per ezempju certi investigazzjonijiet li ghad iridu jkomplu u kienu wkoll intuzaw metodi ta' ricerka li allura jispiccaw jizvelaw informazzjoni fuq terzi persuni li ma humiex involuti fl-inkjesta u fuq affarijiet privati, affarijiet bankarji ta' terzi persuni mhux involuti fl-inkjesta, allura ma rajtx li hu l-kaz illi nippubblika l-inkjesta, pero' deherli li peress li l-Prim Ministru rabat l-ezekuzzjoni tal-kariga tieghu, kien qal li jekk jinstab li hemm xi xrara ta' verita f'dak illi ntqal fuqi jiena nitlaq, nirrizenja, heq deherli li l-kaz tieghu biex ikollu kopja shiha tal-inkjesta huwa kaz hafna izjed sod mill-kaz fejn wiehed qed jitlob pubblikazzjoni, ghax ghandek l-oghla kariga ezekuttiva tal-pajjiz marbuta b'xi mod ma' din l-inkjesta. Hu stess kien talab inkjesta u allura nahseb, jien deherli li l-argument tieghu kien validu fis-sens li kellu jkollu allura the full evidential basis ta' dak li rrizulta fl-inkjesta".[7]

Kien għalhekk li wara li l-Avukat Ġenerali kien ra l-inkjesta ddeċieda li jgħaddi fotokopja tal-istess inkjesta lil Dr. Pawlu Lia għan-nom tal-Prim Ministru liema inkjesta ma kinitx *redacted* u dan għaliex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jekk ser jagħti inkjesta ser itiha mhux *redacted* altrimenti ma jagħti xejn. Jgħid li din id-deċiżjoni ma tiġix mingħajr ir-riskji tagħha u kien għalhekk li bid-diskrezzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali wiżen it-tajjeb u l-ħażin. Waqt din ix-xhieda ħareġ ukoll il-fatt li l-Avukat Ġenerali kien infurmat li l-Prim Ministru kien qiegħed jieħu xi pariri oħra sabiex jara jekk huwiex f'loku li tiġi ppubblikata l-inkjesta kollha. Spjega illi l-Ministru tal-Ġustizzja (bħala wieħed mill-Avukati li qiegħed jagħti pariri u jassisti lill-Prim Ministru fl-eżerċizzju tal-analiżi ta' dik l-inkjesta) kien talab lill-Avukat Ġenerali jgħaddilhu kopja elettronika tal-inkjesta, u fil-fatt għaddilu kopja elettronika.

Irriżulta wkoll illi meta għadda kopja tar-rapport tal-Inkjesta Egrant lill-Prim Ministru l-Avukat Ġenerali m'għamel l-ebda kondizzjoni li din ma tistax tiġi mgħoddija lil terzi u dan għaliex hija responsabbilità fuq minn jirċieviha. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali kien tal-ħsieb li jekk jagħti aċċess lill-Kap tal-Oppożizzjoni biex jaraha, dan ta' l-aħħar setgħa jippubblikaha mill-ewwel għaliex ma kien ikun hemm l-ebda skop li l-Kap tal-Oppożizzjoni jara l-inkjesta mingħajr ma jitkellem

[7] Paġna 149 tal-proċess.

fuqha u mingħajr ma tintefgħa fl-arena politika[8]. L-Avukat Ġenerali jispjega wkoll li huwa minnu li l-Kap tal-Oppożizzjoni għandu l-funzjoni li jikkontrolla l-operat tal-Gvetn u li jikkritika iżda dan ma jfissirx li jeżisti xi dritt għal aċċess għad-dokumenti kollha tal-Gvern. Di piu, il-fatt li membru Parlamentari jsaqsi għal inkjesta ma jfissirx li għandu dritt t'aċċess għax huwa membru Parlamentari aktar u aktar meta l-aċċess għal dokumenti dwar proċeduri kriminali huma regolati bl-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9.

Dwar l-aspett li għad hemm investigazzjonijiet għaddejjin l-Avukat Ġenerali għamel paragun ma' inkjesti oħra li ssemmew mir-rikorrent stess (ċioe l-Inkjesti Plus One u Paqpaqli) u spjega li dawn huma differenti mill-inkjesta mertu tal-kawża u dan billi l-inkjesti ta' Plus One u Paqpaqli kienu konlużi billi indikaw kontra min kellhom jittieħdu passi u ma kienx hemm aktar investigazzjonijiet li kien jeħtieġ li jsir *a contrario* tal-inkjesta Egrant.

L-Avukat Ġenerali qal li l-konklużjonijiet kienu biżżejjed[9] iżda kien tal-fehma wkoll li kellu jgħaddi lill-Prim Ministru l-bażi (*'the full evidential basis'*[10]) ta' kif il-Maġistrat Inkwirenti wasal għall-konklużjonijiet.

### *Il-Prim Ministru l-Onor. Dr. Joseph Muscat*[11]

Fix-xhieda tiegħu l-Onorevoli Prim Ministru spjega illi huwa kien inkariga lill-Avukati Dottor Pawlu Lia u Dottor Edward Gatt sabiex f'ismu jiktbu lill-Kummissarju tal-Pulizija u jitolbuh jiftaħ investigazzjoni fir-rigward tal-allegazzjonijiet li kienu saru mill-ġurnalista Daphne Caruana Galizia fin-newsblog tagħha f'artikolu li kien intitolat "Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc shares held for Michelle Muscat". L-ittra għan-nom tiegħu intbgħatet fl-20 ta' Lulju 2017.

---
[8] Paġni 159 u 174 tal-proċess.
[9] Paġna 163 tal-proċess.
[10] Paġna 165 tal-proċess.
[11] Paġni 202 sa 215 tal-proċess.

Mistoqsi kif kopja tal-Inkjesta Egrant waslet għandu huwa spjega illi kien il-jum tas-Sibt meta tramite l-Ministru tal-Ġustizzja ġie informat illi l-inkjesta maġisterjali kienet lesta   Dakinhar stess talab lill-Avukat Dr Pawlu Lia sabiex jitlob għan-nom tiegħu kopja tagħha.   Wara nofsinhar tal-istess jum Dr Lia għaddielu kopja tagħha. Il-Prim Ministru spjega li huwa kien ibbaża l-karriera tiegħu bħala Prim Ministru fuq dak li joħroġ mill-Inkjesta.  Mix-xhieda ħareġ ukoll li l-Prim Ministru ħass il-ħtieġa li jkollu kopja tar-Rapport kollu nonostante l-fatt li kien ra l-konklużjonijiet li ma kienu jħallu l-ebda dubju dwar l-eżitu tal-Inkjesta. Dr. Joseph Muscat spjega li barra li ħass il-ħtieġa li jiddiskuti l-inkjesta ma' Dr. Pawlu Lia, huwa ddiskutiha mal-Ministru tal-Ġustizzja (li kien ġab kopja elettronika mill-Avukat Ġenerali).  Xhed illi huwa kien poġġa il-karriera politika tiegħu dipendenti fuq il-konklużżjonijiet tal-Inkjesta Egrant peress li kien iddikjara pubblikament illi jekk jinstabu xi provi illi l-kumpanija Egrant kienet ta' martu jew ta' xi hadd mill-familjari tiegħu huwa kien jirriżenja minnufih.

Meta ġie mistoqsi dwar il-pubblikazzjoni, il-Prim Ministru qal li huwa jemmen u jara li l-aħjar mod li ssir il-pubblikazzjoni tal-inkjesta huwa b'ċerta *redactions* ta' informazzjoni ta' nies terzi li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ u lanqas qegħdin fil-ħajja pubblika. Il-Prim Minsitru spjega li l-Ministru tal-Ġustizzja kien qallu li l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx li tiġi ppubblikata l-inkjesta ħlief il-konklużjonijiet; il-Ministru qal lill-Prim Ministru li din hija pożizzjoni konsistenti tal-Avukat Ġenerali.

Matul ix-xhieda tiegħu l-Prim Minsitru stqarr li għalkemm huwa jemmen li għandha ssir il-pubblikazzjoni tal-inkjesta wieħed għandu jissalvagwarda l-interess tat-terzi persuni li m'humiex persuni fil-ħajja pubblika kif ukoll meta għandha ssir il-pubblikazzjoni in vista li hemm investigazzjonijiet li għadhom għaddejjien aktar u aktar meta fuq konoxxenza tiegħu għadu ma tressaq ħadd il-Qorti.

***Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Dr. Owen Bonnici*[12]**

Il-Ministru tal-Ġustizzja l-Onorevoli Dr Owen Bonniċi beda t-testimonjanza tiegħu billi spjega li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jaqa' fid-dekasteru tiegħu u għalhekk

[12] Paġni 217 sa 230 tal-proċess.

huwa politikament responsabbli minnu, iżda nonostante dan, kif tipprovdi l-Kostituzzjoni stess, l-Avukat Ġenerali huwa indipendenti u awtonomu mill-Ministru.

Il-Ministru tal-Ġustizzja stqarr li huwa kien irċieva telefonata mill-Avukat Ġenerali s-Sibt 21 ta' Lulju 2018 filgħodu jinfurmah li l-Inkjesta tal-Egrant Inc. kienet konkluża u li kienet fl-uffiċċju tiegħu u li kien ser joħroġ stqarrija f'dak is-sens. Kiseb kopja elettronika mingħand l-Avukat Ġenerali t-Tnejn 23 ta' Lulju u dan wara li kien il-Ministru stess li talab lill-Avukat Ġenerali għall-kopja elettronika wara li spjega lill-Avukat Ġenerali li l-Prim Ministru kien ġie infurmat li ser jagħmel din ir-rikjesta lill-Avukat Ġenerali. Dan magħdud, il-Ministru xehed li huwa qatt ma ddiskuta l-kontenut tal-inkjesta mal-Avukat Ġenerali għajr dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjoni tal-inkjesta fejn l-Avukat Ġenerali kien tah ir-raġunijiet għalfejn m'għandhiex issir il-pubblikazzjoni kollha (liema ragunijiet inataw lill-pubbliku mill-Avukat Ġenerali stess fl-istqarrija tiegħu).

Dr. Bonnici spjega x'kien eżatt l-irwol tiegħu bejn il-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward u xehed li: '*Il-kliem li ghidt lill-Avukat Generali kien fis-sens li ghandna sitwazzjoni fejn l-Avukat Generali ghandu fehma u l-Prim Ministru ghandu fehma kontrarja u jiena ghidt lill-Avukat Generali li hemm din is-sitwazzjoni u li kont qed nassisti lill-Prim Ministru fuq dan il-punt, jigifieri ma kontx qed nassisti l-Prim Ministru jekk ghandux jaghmel kawzi civili per ezempju jew jekk il-Prim Ministru ghandux jaghmel proceduri personali kontra min ghamel din il-gidba fahxija fuqu u fuq familtu*'[13]. Spjega wkoll li huwa assista lill-Prim Ministru fuq *'l-kitba, d-drafting li l-Prim Ministru kien ser jaghti l-ghada filghodu f'konferenza stampa. Essenzjalment assistejna lill-Prim Ministru u Kurt Farrugia. Kurt Farrugia naturalment iffoka fuq il-punti tad-digitura u l-kliem li ghandhom jintuzaw, dak huwa xogholu wara kollox. Jien assistejt mill-ahjar li naf fuq il-punt tal-pubblikazzjoni l-aktar, jien ma ridtx, jew cioe' xogholi kelli responsabbilita' illi b'dak kollu li jghid il-Prim Ministru ma tigix ostakolata kwalunkwe investigazzjoni li ikun hemm ghaddejja in vista ta' dak li gie konkluz fl-inkjesta'*[14].

[13] Paġna 224 tal-proċess.
[14] Paġna 225 tal-proċess.

Fir-rigward jekk l-Avukat Ġenerali għamillux kundizzjonijiet meta għaddilhu kopja elettronika tal-Inkjesta, l-Onorevoli Ministru spjega li ma kienx hemm kundizzjonijiet lanqas meta għaddiet għand Dr. Pawlu Lia, iżda kompla jispjega li huwa ma setgħax jinjora dak li qal pubblikament l-Avukat Ġenerali u lilu personalment, ċioe li l-investigazzjoni mhux ser tiġi ppubblikata kollha sabiex ma tiġix ostakolata l-investigazzjoni u sabiex jiġu protetti dettalji personali ta' individwi li m'għandhomx x'jaqsmu fl-arena politika.

Il-Ministru kkonferma li huwa m'għadda l-inkjesta lil ħadd u ma talab l-assistenza ta' ħadd sabiex jaqraha; huwa jgħid li għalkemm kien hemm Dr. Pawlu Lia li kien qed jaqraha wkoll, huma ħadmu separatament. Ikkonferma wkoll li huwa ma ddiskuttix il-kontenut tal-inkjesta ma' membri tal-Gvern jew tal-Partit Laburista; huwa tkellem man-nies fuq il-konklużjonijiet li kienu ġew ippubblikati għall-pubbliku in ġenerali, iżda dwar dak li ma kienx pubbliku huwa ma tkellem ma ħadd.

***Is-Sur Kurt Farrugia*[15]**

Kurt Farrugia xhed li huwa mpjegat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala Kap tal-Kommunikazzjoni tal-Gvern. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Kommunikazzjoni tal-Partit Laburista fiż-żmien li Dr. Joseph Muscat kien sar Kap tal-Oppożizzjoni. Stqarr li komunikazzjoni mal-Partit Laburista ma jkollux iżda jekk isir xi kuntatt dan isir mad-Direttur tal-Kommunikazzjoni tal-Partit Laburista Aleander Balzan u dan fis-sens li ġieli jkun meħtieġ li jikkommunika l-messaġġ tal-Prim Ministru mal-persuna li jieħu ħsieb il-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, u ċioe *'jekk il-Ħadd filgħodu l-Prim Ministru jkollu attività tal-Partit Laburista, ġeneralment ikun hemm diskussjoni fuq il-policy tal-Gvern matul dik il-ġimgħa li nitkellmu ġeneralment mal-Prim Ministru u mal-Kap tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista.'*[16] Jispjega wkoll li huwa bħala l-Kap tal-Kommunikazzjoni tal-Gvern jara li l-kommunikazzjoni kollha li ħierġa mill-Gvern fuq livel politiku (jiġifieri *policy*) tkun koerenti mal-*policies* tal-Gvern.

[15] Paġni 257 sa 288 tal-proċess.
[16] Paġna 259 tal-proċess.

B'mod speċifiku fuq l-Inkjesta tal-Egrant Inc. huwa spjega li l-Prim Ministru kien ikkomunika miegħu s-Sibt filgħodu (ċioe dak in-nhar li sar pubbliku li l-inkjesta tal-Egrant Inc. ġiet konkluża), u infurmah li ġialadarba l-futur tiegħu bħala Prim Ministru u l-futur tal-Gvern kien ġie bbażat fuq l-inkjesta huwa qallu sabiex jibdew jaħsbu mill-ewwel fuq l-istqarrija u l-messaġġ li kien ser jagħmel il-Gvern l-għada, u dan dejjem kellu jkun ibbażat fuq dak li ser tgħid l-Inkjesta. Kurt Farrugia jgħid li dakinhar wara nofsinhar huwa daħal l-uffiċċju u talab lin-nies tal-loġistika sabiex iħejju l-kamra tal-uffiċju tal-Prim Ministru fejn kienet ser issir l-istqarrija l-għada. Sussegwentament huwa beda jikkommunika mal-Prim Ministru u mal-avukat tal-Prim Ministru li kellu kopja fejn '*sa dak il-hin qaluli] li l-konkluzjoni hija cara u skjetta li assulutament ma kien hemm l-ebda forma ta' htija jew tracca jew forma ta' li kellu x'jaqsam il-Prim Ministru ma' dawn l-allegazzjonijiet kollha u bdejt infassal diskussjoni mal-Prim Ministru u anka mal-Ministru tal-Gustizzja minhabba li l-Prim Ministru qalli li rridu nkunu certi li jkun korrett f'dak kollu li jghid sabiex infasslu l-istqarrija u nghin lil Prim Ministru fit-tfassil tal-istqarrija li kien se jaghmel l-ghada filghodu pero sa dak il-hin filghaxija konna ghadna biss qed niddiskutu u nhazzu punti ta' x'jista' jghid il-Prim Ministru l-ghada filghodu.*'[17] Ix-xhud ikkonferma li kien il-Ħadd filgħodu li kellu f'idejh il-kopja fiżika tal-inkjesta li kellu l-Prim Ministru u dan wara li ġabarha hu personalment mill-uffiċċju tal-Prim Ministru u kien wara dan li huwa beda jassisti lill-Prim Ministru fil-kitba tal-istqarrija. Huwa kkonferma li din l-istqarrija ibbażawha biss fuq il-konklużjonijiet u dan minħabba l-fatt li Kurt Farrugia ma kellux ħin jaqra l-inkjesta kollha u minn dak li ra hu stess u minn dak li qalulu l-lejl ta' qabel, il-konklużżjonijiet kienu ċari u dettaljati u għal finijiet ta' stqarrija l-Prim Ministru me kellux għalfejn jidħol f'iktar dettal minn dak li jinstab fil-konklużjonijiet li kienu pubbliċi.

Kurt Farrugia jgħid li għalkemm eventwalment huwa qara biċċiet mill-Inkjesta huwa għamel dan wara li kienet saret l-istqarrija u dan għaliex l-istess inkjesta kienet inżammet f'*cabinet* fl-uffiċċju tiegħu *under lock and key.*[18] Ix-xhud iddikjara li huwa ma kien għadda kopja tal-inkjesta lil ħadd u ma tkellem dwar il-kontenut ma' ħadd, għajr il-konklużjonijiet u dak li kien magħruf pubblikament. Meta kien qed jgħid li

[17] Paġna 261 tal-proċess.
[18] Paġna 280 tal-proċess.

ma tkellem ma' ħadd dwar il-kontenut huwa inkluda wkoll lill-kollegi tal-uffiċċju tiegħu kif ukoll lil Keith Schembri li huwa c-*Chief of Staff*.

Meta mistoqsi għalfejn ma saritx il-pubblikazzjoni tal-inkjesta meta l-Prim Ministru ried jippubblikaha, Kurt Farrugia spjega li l-Prim Ministru qatt ma qallu 'mur ippubblika fi stqarrija jew ippubblikaha lil mezzi tax-xandir kollha'[19], iżda qallu li l-intenzjoni kienet dejjem li meta jkollu l-inkjesta tkun ippubblikata. Huwa spjega wkoll li minn dak li jiftakar, għalkemm ma kien hemm l-ebda kundizzjoni mill-Avukat Ġenerali, l-Avukat Ġenerali kien ta l-parir li ma tiġix ippubblikata l-inkjesta kollha. Iċċara wkoll li huwa qatt ma kellu kuntatt dirett mal-Avukat Ġenerali.

***Il-Kummissarju tal-Pulizija[20] Lawrence Cutajar***

Il-Kummissarju tal-Pulzija Lawrence Cutajar xhed illi huwa għandu kopja elettronika sħiħa tal-Inkjesta tal-Egrant Inc. li kien irċeviha mingħand l-Assitant Kummissarju Ian Abdilla. Sa fejn jaf hu l-Inkjesta waslet għand l-imsemmi Assitant Kummissarju mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali preċiżament minn għand Dr. Philip Galea Farrugia. Ikkonferma wkoll li l-investigaturi (tlett spetturi, tlett surġenti u tlett kuntistabbli u ċioe it-tim investigattiv) għandhom aċċess għall-inkjesta kollha. Il-Kummissarju xehed li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjien.

Il-legali tar-rikorrent għamel paragun mal-inkjesta ta' Plus One u Paqpaqli u saqsa f'liema stadju kienu u x'passi ttieħdu. Il-Kummissarju rrisponda li fir-rigward ta' Paqpaqli l-konklużjoni tal-inkjesta kienet sabiex jittieħdu passi kriminali kontra ħdax-il persuna, fejn il-Pulizija ma kellhomx jagħmlu investigazzjonijiet ulterjuri u dan għaliex l-investigazzjonijiet saru waqt li kienet għaddejja l-inkjesta u l-Maġistrat Inkwirenti ma ddereġiex lill-Pulizija sabiex jinvestigaw persuni oħra; il-proċeduri kontra l-ħdax-il persuna kienu ġew istitwiti u kienu għadhom *sub judice*. Bħal fil-każ ta' Paqpali, fil-każ ta' Plus One, l-inkjesta kkonkludiet li għandhom jittieħdu passi kontra għaxar persuni; il-każ għadu *sub judice*.

[19] Paġna 270 tal-proċess.
[20] Paġni 294 sa 301 tal-proċess.

Meta mistoqsi fir-rigward tal-Egrant Inc., il-Kummissarju ikkonferma li *a contrario* ta' dawn iż-żewġ eżempji, il-Maġistrat Inkwirenti talab li jitkomplew l-investigazzjonijiet mill-Pulizija

***Is-Sur Matthew Carbone*[21]**

Matthew Carbone xehed li huwa d-Deputat Kap tal-Kommunikazzjoni tal-Gvern. Għalkemm m'għandu l-ebda rwol fil-Partit Laburisita huwa jkollu kuntatt ta' xogħol ma' diriġenti tal-Partit Laburisti. Bħala xogħol huwa jfassal il-messaġġ tal-Gvern, jorganizza *events*, jieħu ħsieb it-tħabbiriet ta' miżuri tal-*budget* meta jkun ħa jitwettaq impenn elettorali, u l-organizazzjoni ta' materjal fuq il-mezzi soċjali.

Meta ġie mistoqsi kif kien jaf li l-Inkjesta tal-Egrant Inc. kienet konkluża, hu wieġeb li huwa sar jaf meta ħarġet pubblika fil-21 ta' Lulju 2018. Kurt Farrugia, il-Kap tiegħu, kien ċempillu u infurmah li fil-ħin li ġej il-Prim Ministru kien ser jikkomunika l-konklużjonijiet tal-Inkjesta. Kien biss l-għada filgħodu li huwa daħal l-uffiċċju sabiex jassisti fil-preparazzjoni tal-*Press Conference* billi kkomunika mal-mezzi tax-xandir, għamel kuntatt mad-diversi membri tal-grupp parlamentari. Eventalment il-Kap tal-Kommunikazzjoni għaddielu *draft* tal-*Press Release* li kienet ser toħroġ u ta l-*feedback* tiegħu u dan wara li kien qara l-konklużjonijiet li kien ingħata kopja tagħhom minn Kurt Farrugia aktar kmieni fil-ġurnata.

Matthew Carbone xhed li għalkemm kien ra r-ritratt fuq il-midja soċjali tal-inkjesta kollha li kienet fuq il-mejda tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, huwa qatt ma ra r-Rapport tal-Inkjesta b'għajnejh. Huwa kkonferma wkoll li hu ma ħa l-ebda ritratt tal-inkjesta u lanqas jaf min ħadu dak ir-ritratt; safejn jaf hu dan inxterred fuq is-*social media* permezz ta' tweet iżda qatt ma ġie ppubblikat fuq *official channels* tal-Gvern, u qatt ma ta xi approvazzjoni hu biex dan ir-ritratt jitla' fuq il-midja soċjali.

Fuq mistoqsija tal-legali tar-rikorrent jekk huwa tkellimx ma xi ħadd dwar l-inkjesta, xhed li huwa tkellem ma' diversi nies inkluż Keith Schembri u l-Ministru Dr. Owen Bonnici iżda b'mod ġenerali fuq il-konklużjonijiet biss u ċioe dak li kien pubbliku.

[21] Paġni 302 sa 331 tal-proċess.

Fir-rigward ta' Keith Schembri, Matthew Carbone jippreċiża li huwa tkellem ma' Keith Schembri fuq l-allegazzjoni li l-Egrant Inc kienet tal-mara tal-Prim Ministru u ma tkellimx miegħu fuq affarijiet li jikkonċernaw lilu direttament (lil Keith Schembri direttament). Huwa kkonferma wkoll li ma saret l-ebda laqgħa formali dwar l-inkjesta tal-Egrant u xhed li waqt il-laqgħat informali li kellu huwa tkellem fuq il-konklużjonijiet anke għaliex huwa dawk biss kien ra.

**<u>Eċċezzjoni Preliminari – Azzjoni Intempestiva - Rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 469A</u>**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali jilqa' b'mod preliminari għall-kawża kostituzzjonali istitwita kontra tiegħu bil-mod segwenti:-

> "Illi, in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija abbużiva tal-proċess ġudizzjarju u tal-proċess kostituzzjonali billi r-rikorrent qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta, jekk dak li qed jissottometti huwa validu, għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.
>
> Illi sostanzjalment f'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni da parti tal-esponent fir-termini tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali.
>
> Illi tali eżerċizzju ta' diskrezjoni dwar lil min tiġi rilaxxjata kopja ta' proċess verbali ta' Inkjesta hija rivedibbli ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12.
>
> F'dan ir-rigward, l-esponent jeċċepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni in vista tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u l-esponenti għalhekk jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u l-ġurisdizzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) tagħha u dan ai termini tal-proviso għall-Artikolu 4 (2)

tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni rispettivament."[22]

Permezz tal-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali isostni illi r-rikorrent għaġġel iżżejjed meta ipproċeda sabiex jistitwixxi kawża kostituzzjonali fejn qed jallega l-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu qabel ma l-ewwel ħa passi legali oħra li kienu għad-disposizzjoni tiegħu. Isostni l-intimat illi r-rikorrent kellu qabel xejn jipproċedi bl-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u biss fl-eventwalita' li dik il-proċedura ma tagħtix eżitu favorevoli lir-rikorrent li mbagħad seta' jistitwixxi l-kawża odjerna.

Peress li l-ilment tar-rikorrent huwa fir-rigward tal-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali, l-intimat isostni illi *'tali ezercizzju ta' diskrezzjoni dwar lil min tiġi rilaxxjata kopja ta' proċess verbal ta' Inkjesta hija rivedibbli ai termini tal-Artikolu 496A tal-Kap 12'.*

Permezz ta' din l-eċċezzjoni, l-intimat qed jistieden lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319). tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha tenut kont li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu l-azzjoni kontemplata fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Peress li ma jirriżultax li qabel il-kawża odjerna l-Qrati tagħna qattx ġew mitluba sabiex jissindakaw id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali jekk jagħtix kopja ta' proċess verbal jew le, l-Avukat Ġenerali għamel referenza għall- każistika mogħtija mill-Qrati nostrani (fosthom **Ivan Gerald Zammit v. Il-Kummissarju tal-Pulizija** et deċiża fit-18 ta' Mejju 2006, **John Sammut vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et** deċiża fis-27 ta' Frar 2003, **Mary Green et vs. Avukat Ġenerali et** deċiża fit-13 t'April 2007) fejn il-Qorti adita minn kawża kostituzzjoni iddeklinat milli tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali peress li kien jirriżulta li kien hemm rimedji ordinarju adegwati taħt ir-reġim ordinarju li għandhom kapaċità li jsewwu s-sitwazzjoni tagħhom. L-Avukat Ġenerali jisħaq li r-rimedju kostituzzjonali / konvenzjonali huwa wieħed ta' natura straordinarja u għalhekk wieħed għandu jirrikori għal dawn il-proċeduri

[22] Paġna 26 tal-proċess.

kostituzzjonali meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed sabiex tipproteġġi d-drittijiet fundamentali tal-persuna.

L-Avukat Ġenerali josserva li l-ilment tar-rikorrent huwa dwar il-fatt li ta' l-ewwel iddeċieda li jirrifjuta li jagħti aċċess għar-rapport tal-inkjesta lir-rikorrent għalkemm kien għadda kopja tar-rapport tal-inkjesta lill-Prim Ministru. L-intimat jsostni illi għalkemm id-dokument tar-rapport tal-inkjesta jista' jitqies bħala wieħed ġudizzjarju, id-deċiżjoni hija waħda amministrattiva meħuda a bażi tad-diskrezzjoni mogħtija lill-istess Avukat Ġenerali bl-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 u dan b'differenza mid-diskrezzjonijiet u funzjonijiet mogħtija lilu mil-leġislatur bħala prosekutur u fejn allura d-diskrezzjoni hemm adoperata hija waħda kważi-ġudizzjarji.

Dwar ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A l-Avukat Ġenerali jissottometti li tali rimedju huwa rimedju li jindirizza il-lanjanzi tar-rikorrent għaliex jekk il-qorti ordinarja tħassar, bis-saħħa tal-Artikolu 469A, id-deċizzjoni tar-rifjut tal-Avukat Ġeneral, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jista' jerġa jirrifjuta l-għoti t'aċċess tar-rapport tal-inkjesta lir-rikorrent fuq l-istess raġunijiet li kienu ingħataw qabel.

Min-naħa l-oħra r-rikorrent jirribatti l-posizzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar ir-rimedju ordinarju. Jsostni illi tenut kont li l-lanjanzi tiegħu huma l-ksur tad-drittijiet fundamentali isegwi illi l-qorti b'ġurisdizzjoni speċjali li għandha tisma' l-kawża. In sostenn tas-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward ir-rikorrent jiċċita fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Wakil Mohamed Samir vs. L-Onorevolu Prim Minsitru et** deċiża fl-14 ta' Frar 2011. F'dik il-kawża l-Qorti Kostituzzjonali kienet spjegat li l-Artikolu 469A (1) (a) mhux applikabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. L-istess rikorrent jgħaddi sabiex jikwota minn ġurisprudenza oħra mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonalifis-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Tretyak vs. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs,** kif ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta u ċioe **Laura Peregin vs. Prim Ministru et** deċiża fis-27 ta' Frar 2009 fejn minnha joħroġ ċar li r-rimedju li jagħti l-Artikolu 469A huwa limitat filwaqt li r-rimedju Kostituzzjonali / Konvenzjonali m'għandux tali limitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-Avukat Ġenerali qed jinvoka il-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso ta' l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 li jipprovdu kif ġej.

**Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni**:-

"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 huwa identiku għall-artikolu tal-Kostituzzjoni appena ċitat.

Sabiex tiddeċiedi jekk din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat hiex fondata jeħtieġ qabel xejn jiġi eżaminat jekk il-Qorti b'ġurisdizzjoni ordinarja għandix is-setgħa li bis-saħħa tal-Artikolu 469A tagħti rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet lamentati mir-rikorrent. Il-kliem li jużaw il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 huma " mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat".

***Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Artikolu 469A tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:-

"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;
jew
(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew
(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

(2) F'dan l-artikolu -

"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, warrant,deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika
tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.

Ir-rikorrent fil-kawża odjerna qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċiti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Pero', il-fatt li għemil jew nuqqas jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx neċessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali'. Kieku kien hekk il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso ġemell tiegħu li jinstab fis-subartikolu

(2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 kienu jkunu superfluwi faċilment evitati billi wieħed jallega ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali. Għalhekk ma jsegwiex b'mod awtomatiku illi għaliex ir-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu allura ma kienet disponibbli għalih l-ebda azzjoni ġudizzjarja effettiva ħlief kawża kostituzzjonali bħal dik odjerna. .

L-intimat jissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu illi "r-rikorrenti setgha facmilment irrikorra ghar-rimedju taht il-ligi ordinarja li permezz tieghu setgha f'kaz li jinghata ragun jottjeni rimedju adegwat li jindirizza l-lanjanzi tieghu" Pero' l-intimat jonqos milli jispċifika taħt liema kappa tal-Artikolu 469A seta' r-rikorrent jipproċedi. Ir-rikorrent mhux jippretendi illi bħala Kap tal-Opposizzjoni jew bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista huwa għandu dritt jottjeni kopja ta' Proċess Verbal anke jekk inhu riżultat ta' inkjesta maġisterjali dwar il-Prim Ministru. Dan hu konfermat mill-fatt illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża ir-rikorrent dejjem sostna illi l-Prim Ministru ma kienx jeħtieġlu kopja tal-Proċess Verbal sabiex, in vista tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi li kien għamel meta kien talab li ssir l-investigazzjoni dwar il-kumpanija Egrant Inc, jiddeċiedi kellux jirriżenja jew le. Huwa evidenti mill-atti illi dak li jirreklama r-rikorrent minn qabel ma istitwixxa l-kawża odjerna huwa li fir-rigward tar-rilaxx ta' kopja tal-Proċess Verbal dwar l-Egrant jiġi trattat mill-Avuakt Ġenerali bl-istess mod li ġie trattat il-Prim Ministru.

Irid jinżamm ukoll in konsiderazzjoni illi r-rikorrent mhux biss qed jattakka l-għemil tal-intimat iżda wkoll il-liġi li bis-saħħa tagħha eżerċita id-diskrezzjoni lilu mogħtija.

Huwa minnu illi l-Artikolu 469 fis-sub inċiz (1) (a) tiegħu jikkontempla stħarriġ ta' għemil amministrattiv jekk jigi allegat li kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni, pero' hija issa ġurisprudenza konstanti illi tali sub inċż ma hux qed jirreferi għal ilmenti li jallegaw ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Kif ġie ritennut mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Settembru 2010 fil-kawża fl-ismijiet **David Gatt vs. Onor. Prim Ministru et** (1548/2001) :-

"14. [...] illum il-gurnata huwa assodat fil-kasistika illi "Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati

u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gia gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda." (**Emmanuel Ciantar vs. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001).

15. Mhux validu, ghalhekk, l-argument illi billi subartikolu (1) tal-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid illi jista' jsir stharrig gudizzjarju "meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni", allura dan ifisser illi eghmil amministrattiv jista' jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett meta dak l-eghmil jikser il-Kostituzzjoni inkluz b'hekk anke disposizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza fl-ismijiet **Christopher Hall v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali**, deciza fit-18 ta' Settembru 2009, diga` kellha okkazzjoni tikkunsidra fil-fond il-fallacita` ta' dan l-argument u waslet ghall-konkluzjoni illi:

"Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti [...] ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni <u>minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikolu 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni ikun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji</u>. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu 1(b)(iv) tal-Art. 469A <u>jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319</u>." (sottolinear ta' dik il-Qorti Kostituzzjonali).""

F'dan ir-rigward issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Cini vs. Il-Prim Ministru et** (Rik Nru 188/2017 JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 2018::-

"..... azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali) [P.A. GCD 5.03.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet**]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

[...]

".............. f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni. "

Sabiex il-Qorti tiddetermina jekk għandhiex tagħżel li twettaq is-setgħat mogħtijin lilha, ġeneralment tikkunsidra fl-ewwel lok jekk hemmx rimedju alternattiv għall-kawża kostituzzjonali u f'kaz affermattiv jekk ir-rimedju alternnativ huwiex wieħed xieraq, effettiv, adegwat u aċċessibli. Jekk ir-rimedju alternattiv ma jikwalifikax bħala xieraq effettiv, adegwat u aċċessibbli allura l-Qorti b'ġurisdizzjoni speċjali għandha titratta l-kawża li jkollha quddiemha.
Ikkunsidrat

Illi l-lanjanzi tar-rikorrent f'dan ir-rikors kostituzzjonali huma intrinsikament marbutin ma' allegati leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent fejn qed jiġi allegat li l-intimat Avukat Ġenerali kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrent dwar diskriminazzjoni kif ukoll ma' allegati leżjonijiet ta' libertà tal-espressjoni kemm taħt il-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja. Sabiex il-Qorti tiddeklina milli tisma' l-kawża kif qed jitlob l-intimat jeħtieġ illi jkun sodisfaċentement stabbilit li r-rimedju ordinarju alternattiv joffri l-effikaċja, l-aċċessibilita' u ċ-ċertezza meħtieġa mil-liġi. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Martin Gaffarena vs. Kummissarju tal-Pulizija et** mogħtija fid-29 ta' Ottubru 1993:-

"... il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-ezercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lill-Qorti Civili Prim' Awla"[23].

L-allegati vjolazzjonijiet surreferiti mressqa mir-rikorrent fir-rikors promotur ma kienux ser jiġu indirizzati bir-rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Fil-fehma tal-Qorti il-prentensjoni tar-rikorrent li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu b'riżultat tad-deċiżżjoni tal-Avukat Ġenerali li jiċħad it-talba tar-rikorrent għal kopja tal-Inkjesta Egrant, ma humex lanjanzi li jaqgħu fil-parametri tad-dispost tal-Artikolu 469A (1) (a) tal-Kap. 12. Il-pretensjonijiet dwar ksur tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni huma ta' kompetenza tal-qorti sede kostituzzjonali. Una volta stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ta' għemil amministrattiv fuq allegazzjoni li tali għemil amministrattiv qed jikser il-Kostituzzjoni ma jinkludiex stħarriġ ta' allegazzjonijiet ta' għemil amministrattiv li allegatament qed jikser xi dritt fundamentali tal-bniedem protett bl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti qed tiddeċiedi illi għall-ilmenti tiegħu ir-rikorrent kellu jadixxi l-qorti b'ġurisdizzjoni speċjali.

Anke jekk għas-saħħa tal-argument wieħed kellu jikkonsidra illi l-azzjoni taħt l-Artikolu 469A kienet miftuħa għar-rikorrent, ir-rimedju hemm disponibbli fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent ma jissodisfawx it-test tal-effikaċja, aċċessibilita' u ċertezza stante illi l-massimu li r-rikorrent seta ipotetikament jottjeni b'azzjoni taħt l-Artikolu 469A hija t-tħassir tad-deċizzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiċħad it-talba tar-rikorrent għall-kopja tal-Inkjesta mingħajr il-possibilita' li f'dawk il-proċeduri il-Qorti tordna lill-Avukat Ġenerali jgħaddi kopja lir-rikorrent, kif qed jitlob fil-kawża odjerna.

[23] Kif kwotata fil-kawża fl-ismijiet **L-Imħallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** (Rik Kost 16/2014) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Mejju 2015.

Mhux eskluż illi f'ċirkostanzi differenti minn dawk tal-kawża odjerna, rifjut mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-proviso tal-Artikolu 318 tal-Kap 9 jista' jiġi impunjat bis-saħħa tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib illi l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat ma hiex fondata u qed tiġi respinta.

***Id-Diskrezzjoni Mogħtija lill-Avukat Ġenerali bis-Saħħa tal-Artikolu 518 tal-Kap.9***

Għalkemm fit-talbiet tiegħu ir-rikorrent qed jattakka sew il-liġi li tagħti lill-intimat id-diskrezzjoni mertu tal-kawża odjerna kif ukoll id-deċiżżjoni meħuda mill-intimat bis-saħħa tad-diskrezzjoni lilu mogħtija bl-Artikolu 318 tal-Kap. 9 fil-kors tat-trattazzjon tal-kawża b'mod partikolari fit-trattazzjonijiet finali ir-rikorrent wera li l-lanjanzi tiegħu huma fir-rigward tal-mod kif l-intimat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrent aktar milli fir-rigward tal-liġi per se. Ġie ritenut illi "Diskrezzjoni timplika l-eżerċizzju ta' deċiżjoni li tieħu in konsiderazzjoni apprezzament ta' fatturi li mhux prattikament possibbli li jiġu sottomessi għall-iskrutenju ta' min ma jistax jiġi investit b'dawk il-fatturi kollha,....... Id-diskrezzjoni ........fost fatturi oħra, hija karatterizzata mill-fakoltà konċessa lil min irid jiddeċiedi li ma jkunx marbut ma' elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ġudizzju tiegħu, li anzi huwa afdat għall-prudenza soġġettiva tiegħu. Id-diskrezzjoni timplika marġini ta' ġudizzju (ħafna drabi lanqas delimitat mill-parametri ta' minimu u massimu) li ma jistax jiġi mmiżurat proprju minħabba l-elementi soġġettiv ta' dak li għandu l-poter diskrezzjonali (**Av. Dr. Austin Sammut noe et vs. Kontrollur tad-Dwana** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Novembru 1993).

Qabel ma jiġi trattat il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent tajjeb li jiġu delineati l-karatteristiċi partikolari tal-Inkjesta *In Genere*.

**L-*In genere* - it-Tieni Titolu tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).**

Fil-kawża odjerna r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tordna lill-intimat jippubblika kopja sħiħa tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpanija Egrant Inc, inkluż il-Proċess Verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Egrant.

Taħt il-liġi Maltija, l-inkjesta *In Genere* huwa eżerċizzju ta' investigazzjoni kompjut mill-Maġistrat Inkwirenti fejn l-iskop primarju ta' tali eżerċizzju huwa li tinġabar u tiġi preżervata evidenza dwar avvenimenti li jkunu seħħew u li jagħtu lok għal investigazzjoni mill-Maġistrat Inkwirenti bl-iskop primarju jkun dak ta' preservazzjoni ta' evidenza ta' dak li jkun seħħ sabiex jekk jiġi stabbilit li jkun seħħ reat allura dik l-evidenza tkun tista' titressaq matul il-proċess ġudizzjarju penali relattiv.

L-Inkjesta *In Genere* ossia l-Inkjesta Maġisterjali hija regolata permezz tat-**Tieni Titolu tal-Kodiċi Kriminali** intitolat **"Fuq l-*In Genere*, l-Aċċessi u r-Reperti"** mill-Artikolu 546 et seq**.** Huwa r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela lill-Maġistrat tal-Għassa ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin li jagħti bidu għal inkjesta maġisterjali.

L-**Artikolu 546 tal-Kap. 9** jipprovdi kif ġej:-

"(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed , u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post:

Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti:

- omissis -

(4) Ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela msemmijin fis-subartikolu (1) u fl-artikolu 551(1) jistgħu jsiru bil-fomm lill-maġistrat iżda f'kull każ l-istess rapport, denunzja jew kwerela għandhom isiru bil-miktub lill-maġistrat fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li fih ikunu saru bil-fomm:

Iżda l-maġistrat jista', meta jidhirlu li jkun xieraq li hekk jagħmel, jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu minkejja li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ma jsirux bil-miktub fiż-żmien imsemmi.

- omissis -

(5) Kopja tar-rapport, denunzja jew kwerela msemmijin fis-subartikolu (1) u fl-artikolu 551(l) għandhom jintbagħtu mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta l-maġistrat ikun irċeva dak ir-rapport, dik id-denunzja jew dik il-kwerela bil-miktub.

(6) Id-deċiżjoni li ma jsirx aċċess skont is-subartikolu (2) għandha bl-istess mod tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn dik id-deċiżjoni."

**L-espressjoni *In Genere*** ingħatat is-segwenti definizzjoni:

"Come è noto, con il termine "in genere" si indica la prova che riguarda l'avvenimento del delitto nella sua consistenza obbiettiva, nel suo oggetto materiale, mentre la locuzione prova specifica attiene alla ricerca ed individuazione dell'autore del reato."[24]

L-inkjesta *in genere* hija essenzjalment investigazzjoni dwar it-traċċi materjali tar-reat. Fl-istadju ta' inkjesta *in genere* ħadd ma huwa akkużat bir-reat. Jista' jkun li waqt l-inkjesta jkun hemm persuna li hija suspettata li wettqet ir-reat iżda li ma tkunx għadha tresqet quddiem il-Qorti akkużata b'reat. Fi kliem l-Artikolu 555 tal-Kodiċi Kriminali "in genere" hija definita bħala "is-suġġett materjali tar-reat".

Ir-referenza għall-Maġistrat tal-Għassa fl-*In Genere* mhix indikazzjoni ta' Maġistrat sedenti fil-qorti iżda ta' Maġistrat fil-kapaċità tiegħu bħala "maġistrat". Din hija litteralment investigazzjoni mwettqa mill-Maġistrat fil-kapaċità tiegħu stess.

Il-funzjoni ta' **Maġistrat tal-Għassa** bħala Maġistrat Inkwirenti hija spjegata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** deċiża fit-3 ta' Lulju 1997:-

"Il-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, iżda bħala Maġistrat *ut sic* ... Fl-inkjesta huwa anqas ma għandu funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-każijiet previsti mill-istess titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew iżomm l-aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi proċes verbal li l-liġi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-proċess ġenerali tar-riċereka tal-verità u jikkonsisti prinċiplament fil-ġbir u preservazzjoni ta' dawk

[24] **Luca Luparia – Giovanni Garbagnati,** *Il Processo Penale Maltese Tra Modello Adversary E Radici Continentali* studju pubblikat fil-ktieb **Valori costituzionali e nuove politiche del diritto** HALLEY Editrice, 2007

il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Maġistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bħala pertinenti għall-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga."

Għaldaqstant il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti hija li jinvestiga jfittex il-verità oġġettiva billi jiġbor u jippreserva evidenza tal-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga..

Kif stabbilit fl-**Artikolu 547** tal-Kodiċi Kriminali, il-Maġistrat tal-Għassa għandu jagħmel l-inkjesta u jinvestiga bir-reqqa kull tarf (*lead*) eżistenti kollha li jista' jkollu. Dan ifisser li huwa għandu jiġbor u jeżamina l-provi materjali kollha u jaħtar esperti tekniċi biex jgħinuh u dan kif stabbilit fl-**Artikolu 548.**

Apparti l-poteri mogħtija lill-Maġistrat li jordna awtopsja u jinnomina esperti mediċi[25], kif ukoll jordna l-eżumazzjoni ta' ġisem[26], il-Maġistrat jista' fost oħrajn jordna[27]

- l-arrest ta' kull persuna li waqt aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed;
- il-qbid ta' karti, ta' oġġetti u in ġenerali ta' kull ħaġ'oħra, li huwa jkun jidhirlu meħtieġa sabiex tinsab il-verità;
- tfittxija fi djar, f'bini jew f'reċinti, għalkemm ikunu ta' ħaddieħor, meta huwa jkun ġabar provi li jġiegħluh jaħseb li xi ħwejjeġ minn dawk imsemmija hawn fuq ikunu jinsabu hemm ġew.

***Il-Proces Verbal.***

Dmir ieħor ewlieni tal-Maġistrat li jmexxi l-investigazzjoni, li huwa rekwiżit *sine qua non* għall-investigazzjoni tal-*In Genere*, huwa t-tfassil tal-*procès-verbal*. Dan jikkonsisti fil-ġbir u l-preservazzjoni tal-evidenza diretta jew indiretta kollha li l-

[25] Artikolu 552 tal-Kodiċi Kriminali.

[26] Artikolu 553 tal-Kodiċi Kriminali.

[27] Artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali.

Maġistrat ikun jista' jindika bħala pertinenti għall-investigazzjoni li jkun qiegħed jikkonduċi. Huwa marbut ukoll mad-dmir skont l-Artikolu 558 (1) li mal-iskoperta ta' kwalunkwe dokument relatati ma' xi reat, għandhom jittieħdu passi biex tiġi żgurata l-eżistenza u l-preservazzjoni tiegħu u jitfassal *procès-verbal*, magħruf bħala *repertus*. Ir-regoli relatati mal-*procès-verbal* japplikaw ukoll għar-*repertus*. Tkun xi tkun ir-riżultat finali tal-imsemmija investigazzjoni, il-Maġistrat tal-Għassa huwa obbligat li jħejji l-proċess verbal.

Barra minn hekk, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li fit-tfassil tal-*procès-verbal*, il-Maġistrat irid jirrispetta numru ta' formalitajiet. *Procès-verbal* jitqies li tfassal skont il-liġi jekk ikun fih sommarju tan-*notitie criminis*, lista tax-xhieda mismugħa u l-evidenza miġbura u paragrafu finali li jindika b'mod preċiż is-sejbiet tal-Maġistrat inkluż l-opinjoni tiegħu dwar jekk hemmx evidenza *prima facie* li sar reat u jekk ikun possibli, jindika is-suspettat. Il-*procès-verbal* għandu jiġi ffirmat mill-Maġistrat. Ir-rapport tal-espert, miktub u kkonfermat bil-ġurament kif ukoll ix-xhieda mogħtija quddiemu għandhom ukoll jiġu annessi mal-*procès-verbal* u huma meqjusa li jagħmlu parti minnu b'valur probatorju f'każ li l-quddiem jiġi eżebit fi proċeduri ġudizzjarji.

Kif ser jiġi spjegat aktar il-quddiem, in-natura ta' inkjesta Maġisterjali hija waħda kunfidenzjali u sigrieta.

***L-irwol tal-Avukat Ġenerali waqt l-In Genere***

Ai termini tal-**Artikolu 546 (5) u (6) tal-Kodiċi Kriminali,** fil-bidu tal-inkjesta *in genere* l-irwol tal-Avukat Ġenerali huwa kemmxejn indirett u dan peress li l-Maġistrat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta irċieva ir-rapport, d-denunzja jew il-kwerela bil-miktub (*notitie criminis*) jgħaddi kopja tal-istess lill-Avukat Ġenerali.

Hekk kif il-*procès-verbal* ikun konkluż mill-Maġistrat dan jiġi mgħoddi lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol[28] u dan peress li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa meqjus bħala d-detentur tal-*procès-verbaux*. L-Avukat Ġenerali jgħaddi sabiex jeżamina l-atti; huwa f'dan l-istadju li jemerġu s-setgħat tiegħu. L-Avukat Ġenerali għandu jibgħat lura permezz ta' nota dawk l-atti lill-maġistrat meta fil-fehma tiegħu jkun jinħtieġ li l-investigazzjoni tissokta.

Is-**subartikolu (4) tal-Artikolu 569 tal-Kapitolu 9** jagħmilha ċara li "l-Avukat Ġenerali ma għandux jitħarrek sabiex jesibixxi dawk l-atti" formanti l-proces verbal. Il-Qorti tifhem li l-iskop wara dan il-provvediment huwa sabiex tiġi evitata l-possibilità milli jiġi mittiefes (intralċ) xi evidenza dwar investigazzjonijiet jew proċeduri penali li jkunu għadhom għaddejjin..

L-**Artikolu 569** jipprovdi wkoll li fejn fil-proċess verbal il-Maġistrat ordna li persuna tiġi akkużata fil-Qorti huwa għandu jordna li kopja ta' l-istess proċess verbal tiġi mgħotija lill-Kummissarju tal-Pulizija li għandu jipproċedi kif xieraq. F'każ ta' dubju l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali li jista' jordna li l-ebda proċedura m'għandha tittieħed (*nolle prosequi*) jew li l-proċedimenti li għandhom jittieħdu għandhom ikunu għal akkuża jew akkużi differenti minn dawk speċifikati mill-Maġistrat fil-proċess verbali, dan dejjem mingħajr preġudizzju għal jedd tal-Avukat Ġenerali li jidderieġi mod ieħor kull meta evidenza ġdida ssir disponibbli. Il-liġi tintroduċi salvagwardja fuq tali setgħa u ċioe jekk l-Avukat Ġenerali jkun ordna li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri, huwa għandu jibgħat rapport lill-President ta' Malta fejn jiddikjara r-raġunijiet għaliex ikun għamel dan.

Kif diġa ġie muri l-liġi telenka numru ta' salvagwardji u dan minħabba n-natura teknika, kunfidenzjali u sensittiva tal-*procès-verbal* u tal-proċedura kollha, inkluż għalhekk min xehed u x'ingħad fix-xhieda tagħhom. Huwa evidenti illi l-inkejsta maġisterjali u sussegwentament il-proċess verbal huma kunfidenzjali, bis-salvagwardji li tipprovdi l-liġi stess. In-natura sigrieta u kunfidenzjali ta' dawn il-

[28] Artikolu 569 tal-Kodiċi Kriminali.

proċedura fil-fatt jagħtu poter ieħor lill-Avukat Ġenerali kif stabbilit fl-**Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali:**

"L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:

**Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695."**

## Artikolu 10 tal-Konvenzjoni (Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319). u Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni

**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** kif inkorporat fil-liġi Maltija bl-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 jipprovdi kif ġej:-

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.

(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà

demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall- protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tarreputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura. "

**<u>Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni</u>** jipprovdi:-

"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina talġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment - (a) li jkun meħtieġ raġonevolment - (i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew (ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi; jew (b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi, u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. "

Ir-rikorrent jilmenta li ġialadarba l-kariġa tiegħu u ċioe dik ta' Kap tal-Oppożizzjoni hija msawra fuq l-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa għandu l-funzjoni ta' *watchdog* tal-operat tal-Eżekuttiv. Jikkontendi illi sabiex ikun jista' (a) jeżerċita l-obbligi u d-dmirijiet derivanti mill-Kostituzzjoni; (b) jirregola ruħu fid-dawl ta' kwalunkwe riżultanzi ulterjuri li ħarġu mill-inkjesta fis-sens illi jissalvagwardja l-

interessi relattivi għall-operat tal-Oppożizzjoni nfisha; u (ċ) jipproteġi l-interess pubbliku in ġenerali huwa jeħtieġ li jkollu kopja tal-inkjesta. Huwa josserva wkoll li apparti l-interess pubbliku hemm ukoll l-interess politiku għall-Oppożizzjoni u għall-Partit Nazzjonalista u dan peress li fil-konklużjonijiet tal-Inkjesta jissemmew persuni politiċi, persuni pubbliċi u persuni li huma nvoluti fit-tmexxija tal-Eżekuttiv.

Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali meta irrifjuta li jagħti lir-rikorrent kopja tal-proċess verbal, ir-rikorrent jilmenta li ġialadarba huwa qiegħed jiġi mċaħħad milli jkollu kopja kompluta tal-inkjesta, d-dritt tiegħu li jirċieivi aċċess għall-informazzjoni qiegħed jiġi leż. Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jinsisti li d-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Avukat Ġenerali taħt l-Artikolu 518 u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess diskrezzjoni fil-kuntest tal-fattispecie tal-każ huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tiegħu li jkollu aċċess għall-informazzjoni. Fid-dawl tas-suespost ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti - *tiddikjara li d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-intimat Avukat Ġenerali ai termini tal-istess Artikolu tal-Liġi, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess diskrezzjoni, ossia r-rifjut tal-intimat Avukat Ġenerali li jipprovdih b'aċċess u/jew li jipprovdih b'kopja tal-atti kollha tal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpannija Egrant Inc., u/jew in-nuqqas tiegħu li jippubblika kopja tagħhom fl-intier tagħhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta] u/jew fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.*

Sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu ir-rikorrent ikkwota min-numru estensiv ta' każistika li ingħatat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' ġurnalisti u organazzazzjonijiet attivi f'soċjetà ċivili li jwettqu d-dmirijiet tagħhom bħala *watchdog* tal-operat tal-Eżekuttiv[29]. Isostni illi stabbilit dan id-dritt

[29] Fosthom Tarsasag A Szabadsagjogokert v. Hungary (Appl. Nru 37374/05) deċiża fl-14 t'April 2009 fejn l-applikant kien 'an association invovled in human rights litigation with various objectives, including the protection of freedom of information' (para 27) u fejn il-Qorti Ewropeja ikkaraterizatu bħala *watchdog* bħal ma' hija l-*press*; Dimitris Sioutis v. Greece (Appl. Nru 16393/14) deċiża fid-29 t'Awwissu 2017 fejn il-Qorti Ewropeja għamlitha ċara f'paragrafu 24 li 'Article 10 does not confer on the individual a right of access to information held by a public authority nor oblige the Government to impart such information to the individual', biss pero d-dritt jew obbligazzjoni għall-aċċess ta' informazzjoni tista' tkun instrumentali sabiex wiħed jeżerċità

fundamentali fir-rigward ta' ġurnalisti u għaqdiet non-governativi *'dan ir-raġunament għandu, multo magis, japplika ghar-rigward tad-dmirijiet u tal-obbligi konnessi mal-kariga Kostituzzjonali tar-rikorrent, qua 'public watchdog' tal-operat tal-Eżekuttiv, ossia tal-Gvern u tal-addetti tiegħu'*[30].

Ir-rikorrent jsostni illi għal każ tiegħu għandhom japplikaw il-prinċipji stabbiliti fil-kawża **Magyar Helsinki Bizottsag v. Hungary** (Appl. Nru 18030/11) deċiża nuill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Novembru 2016.

Taħt il-kappa *The purpose of the information request* ir-rikorrent jispjega li dan ir-rekwiżit huwa marbut mal-qadi tad-dmirijiet u obbligi tiegħu bħala Kap tal-Opożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista. Jispjega wkoll li tali aċċess huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jaqdi lir-rwol tiegħu bħala *watchdog* tal-Ezekuttiv.

Fir-rigward *The nature of the information request*, ir-rikkorent josserva li m'hemmx kontestazzjoni lanqas mill-Avukat Ġenerali li l-informazzjoni hija waħda ta' interess pubbliku. Ir-rikorrent jilmenta li l-irwol fil-vesti tiegħu kemm bħala Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista huwa li jaġixxi bħala *watchdog* u *'dan billi jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku bl-iskop li jitqanqal 'an informed public debate', li, fl-aħħar mill-aħħar jikkostitwixxi s-sisien ta' soċjetà demokratika u tar-'rule of law''*[31]. Taħt din il-kappa jispjega wkoll li l-Avukat Ġenerali infurmah li l-inkjesta tiġi rilaxxata *inter alia* lill-persuni li huma vittmi ta' reat, madanakollu r-rikorrent josserva li kien hemm sitwazzjonijiet magħrufa bħal ta' Paqpaqli u Plus One fejn il-Ministru tal-Ġustizzja kien għamel konferenza stampa fuq iż-żewġ inkjesti. Ir-rikorrent jemmen li dan il-każ mhu xejn differenti u għalhekk għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni.

Finalment fuq l-aħħar rekwiżit li l-Informazzjoni hija *'ready and available'*. ir-rikorrent josserva li r-rapport tal-inkjesta huwa konkluż u għalhekk huwa aċċessibbli,

---

d-dritt tiegħu, 'in particular "the freedom to receive and impart information" and where its denial constitutes an interference with that right'.

[30] Paġna 345 tal-proċess.

[31] Paġna 356 tal-proċess.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi d-deċizzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-konfront tiegħu jija nieqsa mill-proporzjonalita'. Jsostni wkoll illi l-Avukat Ġenerali naqas milli jressaq provi li rifjut għall-aċċess lir-rikorrent kienet meħtieġa f'soċjetà demokratika. Ikompli biex jgħid ukoll li l-Avukat Ġenerali ma ressaq l-ebda prova tal-kontenut innifsu tar-Rapport tal-Inkjesta u li naqas ukoll milli juri li r-rifjut kien l-unika mod li bih seta' jilħaq l-għan minnu invokat.

L-Avukat Ġenerali isejjes il-pożizzjoni tiegħu fuq il-fatt li d-dritt tal-libertà tal-espressjoni tapplika meta l-persuna li tati l-informazzjoni jew ideat tkun trid li dik l-informazzjoni jew idea tintbagħat u għalhekk fil-każ odjern l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni huma inapplikabbli.

Jissottometti illi r-rikorrent m'għandux dritt jinvoka Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għaliex id-dritt hemm sanċit huwa għal persuna li tkun teħtieġ l-informazzjoni mitluba sabiex tinvestiga hija stess jew sabiex tikkomunika lill-ħaddieħor informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku. L-Avukat Ġenerali josserva fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li r-rikorrent ma weriex li d-*'dokument huwa neċessarju għalih sabiex jinvestiga kwistjonijiet fl-interess pubbliku'*[32], li intwera iżda huwa li l-inkjesta Maġisterjali iridha sempliċiment għaliex il-Prim Ministru għandu kopja u allura huwa għandu jkollu l-istess informazzjoni li għandu l-Prim Ministru.

Mingħajr preġudizzju għal dan, l-Avukat Ġenerali jisħaq li d-dritt protett fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni m'huwiex wieħed assolut u fil-każ odjern ir-rifjut tal-aċċess għall-informazzjoni hija ġustifikata kif jipprovdu l-istess artikoli u dan fid-dawl ukoll li l-istat igawdi minn ċertu marġini ta' apprezzament. Fit-termini tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni jillimita aċċess għall-proċess verbal u għalhekk din tissodisfa r-rekwiżit li r-restrizzjoni hija preskritta b'liġi. Fir-rigward tal-għan għal din ir-restrizzjoni, l-Avukat Ġenerali jinsisti li l-għan qiegħed hemm in vista li jeħtieġ jiġi żgurat li ma jkunx hemm intralċ mal-investigazzjonijiet li għaddejjien, jkun protett l-preżunzjoni tal-innoċenza u li ma jkunx hemm żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew

[32] Paġna 382 tal-proċess.

sigrieta. L-Avukat Ġenerali jgħid li anke t-tielet rekwiżit impost bil-Konvenzjoni huwa sodisfat u li l-protezzjoni ta' drittijiet ta' terzi hija meħtieġa f'soċjeta demokratika.

L-Avukat Ġenerali jinsisti li wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn dokumenti amministrattiv u atti ġudizzjarji ta' natura kriminali – inkjesta Maġisterjali ma tinkwadrax bħala dokument amministrattiv jew dokument li qiegħed jinżamm minn awtorità amministrattiva għal skopijiet ta' amministrazzjoni pubblika; l-inkjesta Maġisterjali hija dokument tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni li abbażi tiegħu imexxu l-proċeduri ġudizzjarji penali jew jitkomplew l-investigazzjonijiet mill-Pulizija kif diretta f'tali rapport. Fuq din il-linja, l-Avukat Ġenerali wkoll josserva li r-rapport tal-Maġistrat fin-natura tiegħu huwa kunfidenzjali u li għalih ma japplikax l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni peress li d-dokument huwa investigazzjoni kriminali meħtieġa għal skopijiet ta' dritt penali u ta' prosekuzzjoni. Huwa għalhekk li r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq is-sentenzi minnu kkwotati peress li dawk is-sentenzi kienu jikkonċernaw talbiet għall-aċċess ta' informazzjoni li jikwadraw taħt il-liġi li tirregola l-libertà tal-informazzjoni.

L-Avukat Ġenerali jittratta wkoll it-test tan-neċċesità. Taħt dan il-punt intqal li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem l-għan tal-ġurnalist għal aċċess għal dokument huwa sabiex ikun jista' jippubblika artikolu fil-media sabiex jinforma lill-pubbliku jew jikkrea dibattitu pubbliku; ir-rikorrent irid l-aċċess għal konsum personali tiegħu sabiex huwa stess jagħmel skrutinju tar-rapport Maġisterjali. L-Avukat Ġenerali osserva li l-konklużjonijiet prinċipali tal-inkjesta (u ċioe li kienu jirrispondu għad-domandi kollha li saru lill-Maġistrat Inkwirenti) ġew minnu ippubblikati *ad verbatim* u dan huwa biż-żejjed sabiex tissodisfa l-element tal-interess pubbliku.

Rigwardanti d-deskrizzjoni li qiegħed jagħti lilu nnifsu r-rikorrent u ċioe ta' *watchdog*, l-Avukat Ġenerali jissottometti li *'l-Qorti Ewropeja attribwiet d-deskrizzjoni ta' 'watchdog' lill-persuni partikolari bhal gurnalisti u NGOs li xogholhom huwa essenzjalment gurnalismu investigattiv jew li jmexxu l-quddiem certu inizzjattivi [...]. Il-kuncett qatt ma gie applikat mill-Qorti Ewropeja biex jigi asserit xi dritt ta' access ghal dokumenti ta' investigazzjoni kriminali u fil-fatt huwa*

*pacifiku illi l-istadju tal-investigazzjonijiet kriminali huwa generalment kopert bis-sigriet istruttorju kullimkien. [...] Illi fil-fehma tal-esponent abbazi tal-kuncett ta' 'watchdog' kif espress mill-Qorti Ewropeja ma jistghax jigi attribwit lir-rikorrenti xi dritt li jinghata access ghal atti gudizzjarji li bhala regola hadd ma ghandu dritt ghalihom. Fil-kamp tal-investigazzjonijiet kriminali dak id-dritt lanqas lil hekk imsejha 'watchdogs' ma japplika.'*[33]

L-Avukat Ġenerali b'referenza għall-fatt li ġew ippublikati r-rapport Maġisterjali fil-każ ta' Paqpaqli u Plus One, jispjega li dak kien sar għaliex ir-rapport kien konklussiv u kien jindika kontra min kellhom jittieħdu passi kriminali, a contrario tal-każ odjern. L-Avukat Ġenerali josserva li meta wieħed jiżen ir-riskju ta' intralċ fl-investigazzjoni tal-Pulizija mal-interess tar-rikorrent li jkollu kopja tar-rapport, il-miżien ixaqleb lejn il-protezzjoni tal-investigazzjoni u kien għalhekk li ma għaddhiex kopja lir-rikorrent. Jispjega li huwa, min-naħa l-oħra għadda kopja lill-Prim Ministru, *'minħabba r-rabta li l-inkjesta kellha mal-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu fl-oghla kariga ezekuttiva fil-pajjiz u li minhabba fiha huwa kien talab l-inkjesta u ddikjara li ma kienx ikompli fil-kariga kieku instab illi hemm xi xrara ta' verita f'dak li gie allegat dwar martu u allura effetivament dwaru'*[34].

Dwar is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-intimat seta' ikkonsidra li jippubblika ir-Rapport tal-Inkjesta wara li jagħmel eżerċizzju ta' tħassir ta' informazzjoni (*redacting*), l-intimat jikkontendi illi din xorta tati lok għal problemi u dan għaliex l-Artikolu 518 ma jagħtix il-fakoltà li jkun hemm tħassir ta' informazzjoni mill-inkjesta (jiġifieri *redacted*). Jissottometti wkoll illi li kieku ħarġet *redacted* kien ikun hemm l-ispekulazzjonijiet ta' x'ġie mħassar.

Ikkunsidrat;

---

[33] Paġna 380 tal-proċess.
[34] Paġna 386 tal-proċess.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***.

Id-dritt fundamentali tal-liberta' ta' espressjoni huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem li fuqhom tistrieħ kull soċjeta' demokratika. Huwa għalhekk illi bħala tali dritt fundamentali huwa protett mill-ogħla liġi ta' pajjiżna kif ukoll bil-Konvenzjoni...

Kif ġie dikjarat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **Handysite v. the United Kingdom** mogħtija fis-7 ta' Settembru 1976:-

"freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a [democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive, but also to those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society."

Il-Qorti ġiet adita sabiex fl-ewwel lok, taħt il-kappa tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali tal-liberta' tal-espressjoni protett bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta)teżamina:-

i) jekk il-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li r-rikorrent jiddeskrivi bħala "d-diskrezzjoni assoluta" tal-Avukat Ġenerali"

u/jew

ii) jekk ir-rifjut tal-Avukat Ġenerali li jgħati lir-rikorrent, fil-kwalita' tiegħu ta' Kap tal-Opposizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, kopja sħiħa tal-Process Verbal ippreparat mill-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Egrant Inc

u/jew

iii) in-nuqqas tal-Avukat Ġenerali li jippubblika kopja "fl-intier" tar-Rapport tal-Inkjesta Egrant;

humiex leżivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrent magħruf bħala d-dritt għal-liberata' tal-espressjoni ħielsa.

Ir-rikorrent jistrieħ fost l-oħrajn fuq is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet "**MAGYAR HELSINKI BISOTTAG -vs- HUNGARY**". Dik is-sentenzal hija meqjusa bħala 'landmark decision' peress illi stabbilit illi f'ċerti ċirkostanzi d-dritt fundamentali għall-liberta' ta' l-espressjoni jinkludi d-dritt għall-informazzjoni. Fil-qosor, dik il-kawża kienet tikkonċerna talba magħmula minn grupp fl-Ungerija imsejjaħ "Magyar Helsinki Bizottsag" (Hungarian Helsinki Committee (HHC)), organizzazzjoni non-governativa bażata f'Budapest, li talbet lill-awtoritajiet Ungeriżi u ċioe' 28 awtorita' polizjeska imxerrda mal-Ungerijia, l-ismijiet ta' "*ex officio* public defenders" u n-numru ta' każijiet li kull wieħed u waħda minnhom ġew assenjati f'sena partikolari liema informazzjoni ġiet mitluba bħala parti minn studju li kienet qed tagħmel dwar is-sistema tal-avukati tal-għajnuna legali f'dak il-pajjiż. Magyar Helsinki Bizottsag kienet għamlet talba għall-informazzjoni ai termini tad-Data Act tal-1992 tal-Ungerijia. Il-Hungarian Helsinki Committee talab din l-informazzjoni għaliex kien qed jaħdem fuq proġett sabiex jiddetermina jekk kienx hemm diskrepanzi bejn il-listi mogħtija mill-awtoritajiet tal-pulizija u l-listi mogħtija mill-assoċjazzjonijiet tal-avukati f'dak il-pajjiż. Żewġ dipartimenti tal-pulizija irrifjutaw li jagħtu l-informazzjoni rikjesta u peress li l-għaqda non-governativa tilfet l-appell li għamlet quddiem il-qrati tal-Ungerija ipproċediet quddiem il-Qorti ta' Strasburgu.

Fid-deċizzjoni tagħha tat-8 ta' Novembru 2016 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet is-segwenti konklużżjonijiet:-

1) Irrikonoxxiet lill-għaqda non-governativa bħala "public watchdog" b'missjoni sabiex tipproteġi fost l-oħrajn is-saltna tad-dritt;

2) F'ċerti ċirkostanzi d-dritt tal-aċċesss għall-informazzjoni huwa strumentali sabiex jiġi eżerċitat id-dritt fundamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni kif protett bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni;

3) Il-Qorti ma rrikonoxxietx id-dritt għall-informazzjoni bħala xi dritt fundamentali awtonomu u lanqas irrikonoxxiet li hemm xi dover fuq l-istati sabiex ikunu pro-attivi fid-disseminazzjoni ta' informazzjoni ta' interess pubbliku.

F'dik il-kawża il-Qorti ta' Strasburgu irriteniet illi:-

*"(v) The Court's approach to the applicability of Article 10*

149. Against the above background, the Court does not consider that it is prevented from interpreting Article 10 § 1 of the Convention as including a right of access to information.

150. The Court is aware of the importance of legal certainty in international law and of the argument that States cannot be expected to implement an international obligation to which they did not agree in the first place. It considers that it is in the interest of legal certainty, foreseeability and equality before the law that it should not depart, without good reason, from precedents laid down in previous cases (see *Mamatkulov and Askarov*, cited above, § 121, and *Chapman v. the United Kingdom* [GC], no. 27238/95, § 70, ECHR 2001-I). Since the Convention is first and foremost a system for the protection of human rights, regard must also be had to the changing conditions within Contracting States and the Court must respond, for example, to any evolving convergence as to the standards to be achieved (see *Biao v. Denmark* [GC], no.38590/10, § 131, 24 May 2016).

151. From the survey of the Convention institutions' case-law as outlined in paragraphs 127-132 above, it transpires that there has been a perceptible evolution in favour of the recognition, under certain conditions, of a right to freedom of information as an inherent element of the freedom to receive and impart information enshrined in Article 10 of the Convention.

152. The Court further observes that this development is also reflected in the stance taken by international human-rights bodies, linking watchdogs' right of access to information to their right to impart information and to the general public's right to receive information and ideas (see paragraphs 39-42 and 143 above).

153. Moreover, it is of paramount importance that according to the information available to the Court nearly all of the thirty-one member States of the Council of Europe surveyed have enacted legislation on freedom of information. A further indicator of common ground in this context is the existence of the Convention on Access to Official Documents.

154. In the light of these developments and in response to the evolving convergence as to the standards of human rights protection to be achieved, the Court considers that a clarification of the *Leander*principles in circumstances such as those at issue in the present case is appropriate.

155. The object and purpose of the Convention, as an instrument for the protection of human rights, requires that its provisions must be interpreted and applied in a manner which renders its rights practical and effective, not theoretical and illusory (see *Soering*, cited above, § 87). As is clearly illustrated by the Court's recent case-law and the rulings of other human-rights bodies, to hold that the right of access to information may under no circumstances fall within the ambit of Article 10 of the Convention would lead to situations where the freedom to "receive and impart" information is impaired in such a manner and to such a degree that it would strike at the very substance of freedom of expression. For the Court, in circumstances where access to information is instrumental for the exercise of the applicant's right to receive and impart information, its denial may constitute an interference with that right. The principle of securing Convention rights in a practical and effective manner requires an applicant in such a situation to be able to rely on the protection of Article 10 of the Convention.

156. In short, the time has come to clarify the classic principles. The Court continues to consider that "the right to freedom to receive information basically prohibits a Government from restricting a person from receiving information that others wish or may be willing to impart to him." Moreover, "the right to receive information cannot be construed as imposing on a State positive obligations to collect and disseminate information of its own motion". The Court further considers that Article 10 does not confer on the individual a right of access to information held by a public authority nor oblige the Government to impart such information to the individual. However, as

is seen from the above analysis, such a right or obligation may arise, firstly, where disclosure of the information has been imposed by a judicial order which has gained legal force (which is not an issue in the present case) and, secondly, in circumstances where access to the information is instrumental for the individual's exercise of his or her right to freedom of expression, in particular "the freedom to receive and impart information" and where its denial constitutes an interference with that right."

**Ir-Rwol tar-Rikorrent.**

***Jekk ir-Rikorrent qua Kap ta' l-Opposizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista jikwalifikax bħala "Public Watchdog" fit-termini tal-Ġurisprudenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali.***

Fil-kawża odjerna ir-rikorrent jirritjeni illi fil-vesti tiegħu ta' Kap tal-Opposizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista jikwalfika fi kliem il-Qorti Ewropea bħala "public watchdog". L-intimat Avukat Ġenerali ma jaqbilx u jikkontendi illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea irriżervat dan it-titolu għal ġurnalisti u għaqdiet non-governativi.

Kif rajna *supra* ir-rikorrent istitwixxa l-kawża odjerna b"żewġ kpiepel" biex ngħidu hekk, dik ta' Kap tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll bħala Kap tal-Opposizzjoni fil-Parlament Malti. Rilevanti li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrent jikwalifikax bħala "public watchdog" fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrent huwa kap ta' partit politiku. Għalkemm ma nsibux definizzjoni ta' partit politiku fil-Kostituzzjoni ta' Malta, tali definizzjoni tinstab fl-**Att Dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi** (Kapitolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta) li jagħti definizzjoni ta' x'inhu **"Partit Politiku":-**

" tfisser assoċjazzjoni ħielsa ta' persuni, li l-għan tagħha tinkludi l-parteċipazzjoni fil-formazzjoni tar-rieda politika tal-poplu billi tiżgura l-elezzjoni ta' wieħed jew aktar mill-membri tagħha għall-Kamra tad-Deputati, għall-Parlament Ewropew jew għall-Kunsill

Lokali, u li tassigura r-relazzjoni attiva kontinwa bejn il-poplu u l-istituzzjonijiet tal-istat;"

Fir-rigward tal-vesti tar-Rikorrent bħala Kap ta' l-Opposizzjoni issir referenza għall-**Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jipprovdi kif ġej:-

"(1) Għandu jkun hemm Kap tal-Oppożizzjoni li jkun maħtur mill-President.

(2) Kull meta jkun hemm lok għall-ħatra ta' Kap tal-Oppożizzjoni, il-President għandu jaħtar -

(a) jekk ikun hemm partit ta' oppożizzjoni wieħed li l-forza numerika tiegħu fil-Kamra tad-Deputati tkun akbar mill-forza ta' kull partit ieħor ta' oppożizzjoni, il-membru tal-Kamra tad-Deputati li jkun il-Kap ta' dak il-partit; ..."

M'hemmx dubju illi kap ta' partit politiku fl-opposizzjoni bħalma hu r-rikorrent għandu rwol kruċjali fit-tħaddim ta' sistema demokratiku. Il-kliem "Kap ta' l-Opposizzjoni" adoperati universalment f'sistemi ta' governanza pubbliku ibbażati fuq id-demokrazija u s-saltna tad-dritt, a kuntrarju ta' sistemi awtoritarji u dittatorjali, huma spjegazzjoni waħedhom ta' x'inhu r-rwol prinċipali ta' kap tal-opposizzjoni u kap ta' partit fl-opposizzjoni.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijitt tal-Bniedem f'sentenza mogħtija fil-15 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Navalnyy v. Russia** (29580/12) emfasiżżat l-importanza ta' partiti politiċi ta' opposizzjoni sabiex ikollok demokrazija b'saħħitha. Il-Qorti spjegat li f'dak il-każ, li kien jitratta aġir persekutorju kontra politiku ta l-opposizzjoni fir-Russja inkluż caħda tal-liberta', :-

"......his alleged persecution, not as a private individual, but as an opposition politician committed to playing an important public function through democratic discourse. As such, the restriction in question would have affected not merely the applicant alone, or his fellow opposition activists and supporters, but the very essence of democracy as a means of organising society, in which individual freedom may only be limited in the general interest, that is, in the name of a "higher freedom" referred to in the *travaux préparatoires* (see paragraph 51 above). The Court considers that the ulterior purpose thus defined would attain significant gravity.

175. In the light of all the above-mentioned elements, and in particular the sequence and pattern of the events in the present case (see paragraphs 167-68 above), viewed as a whole, the Court finds it established beyond reasonable doubt that the restrictions imposed on the applicant in the fifth and the sixth episodes pursued an ulterior purpose within the meaning of Article 18 of the Convention, namely **to suppress that political pluralism which forms part of "effective political democracy" governed by "the rule of law", both being concepts to which the Preamble to the Convention refers"** (emfasi ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti hija tal-fehma illi kif ġurnalist, gażżetta jew għaqda non-governativa li taħdem biex tissalvagwardja s-saltna tad-dritt jitqiesu bħala "public watchdogs" fit-terimini tal-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hekk ukoll partit politiku fl-opposizzjoni jista' bl-istess mod jitqies li waħda mill-funzjonijiet tiegħu hija li jagħmilha ta' "public watchdog" fuq l-operat tal-fergħa eżekuttiva tal-istat.

**L-Għan Wara t-Talba tar-Rikorrent**

Ir-rikorrent jispjega illi l-għan prinċipali tiegħu li jottjeni kopja tar-rapport sħiħ tal-Inkjesta Egrant huwa "sabiex ikun jista' jaqdi rwol tiegħu bħala "watchdog" tal-operat tal-Eżekuttiv tal-Istat sabiex ikun jista' jevalwa u jikritika kwalunkwe aġir li jista' talvolta jimmerita dan l-iskrutinju, u dan għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' 'responsabbilita' politika' li, hija, fl-aħħar mill-aħħar ġudikata u determinata mill-elettorat."

Fil-fehma tal-Qorti huwa mhux biss dritt, iżda wkoll dover, ta' partit politiku fl-opposizzjoni illi jiskrutinja l-operat tal-branka eżekuttiva tal-istat. Dak tista' tgħid għandu jkun wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' partit politiku fl-opposizzjoni. Ma hemm xejn x'jiġi ċensurat f'dan ir-rigward.

Kif ġie ritenut fl-istess ġurisprudenza iċċitata mir-rikorrent, sabiex id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni iwassal għad-dritt fundamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni jeħtieġ illi "....obtaining access to information would be considered necessary if withholding it would hinder or impair the individual's exercise of his or her right to freedom of expression...including the freedom 'to receive and impart information and ideas', in a manner consistent with such 'duties and responsibilities..."[35] Fil-fehma tal-Qorti ma hux inkonsistenti mar-rwol tar-rikorrent bħala Kap ta' l-Opposizzjoni illi jitlob aċċess għall-informazzjoni rigwardanti investigazzjonijiet dwar persuni politiċi u persuni publiċi.

**In-Natura tal-Informazzjoni Mitluba**

Ir-rikorrent qed jitlob fil-ħames talba tiegħu li l-Qorti tordna lill-Avukat Ġenerali "jippubblika kopja tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpanija Egrant Inc". Kif rajna supra il-Process Verbal ta' Inkjesta Maġisterjali huwa ġabra ta' evidenza li tista' 'il quddiem tintuża fi proċess penali wara li xi ħadd jitressaq quddiem il-Qorti akkuzat b'reati li l-evidenza dwarhom tkun tinstab f'dak il-Process Verbal.

Il-Qorti tosserva illi l-ebda sentenza mill-ġurisprudenza estensiva ċitata mir-rikorrent ma' tirrigwarda rapporti ta' Inkjesti Ġudizzjarji jew nvestigazzjoni magħmula minn organi ġudizzjarji.

[35] MAGYAR (op.cit)

Il-Qorti hi tal-fehma illi għalkemm in-natura tal-informazzjoni mitluba mir-rikorrent tista' tissodisfa t-test ta' "materja ta' importanza pubblika" kif ukoll it-test ta' "materja ta' interess pubbliku", ir-Rapport ta' Inkjesta Maġisterjali ma jikwalifikax bħala dokument li wieħed jista' jitlob aċċess għalih bi dritt.

Terġa ssir referenza għas-sentenza MAGYAR HELSINKI BIZOTTSAG -VS- HUNGARY[36] iċċitata estensivament mill-istess rikorrent in sostenn tat-teżi tiegħu. Il-Qorti tirrileva illi hemm distinzjoni nettissima bejn il-fatti anteċedenti il-kawża ċitata u l-fatti anteċdenti l-kawża odjerna. Fil-kawża ċitata tal-Qorti ta' Strasburgu Magjar Helsinki Bizottsag kienet għamlet talba lill-Awtoritajiet tal-Pulizija Ungerizi għall-informazzjoni dwar l-avukati tal-għajuna legali liema talba kienet għamlitha ai termini tal-Artikolu 20 (1) tal-Att nru. LXIII ("the Data Act") tal-Ungerija. Ir-rifjut da parti tal-awtoritajiet tal-pulizija li tingħata l-informazzjoni rikjesta kien ġie konfermat mill-Qorti Suprema Ungeriża u kien għalhekk illi l-għaqda non-governativa Ungeriża ipproċediet quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Mhux hekk seħħ fil-każ odjern. Ir-rikorrent la għamel u lanqas jikkontendi li għamel talba lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-**Att dwar il-Liberta' ta' Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta)** liema Att jirregola talbiet għal dokumenti li jkunu jinstabu għand awtorita' pubblika.

L-għan speċifiku ta' dik il-liġi promulgata mill-Parlament Malti fil-31 ta' Lulju 2009 huwa "Biex jistabbilixxi jedd għal informazzjoni miżmuma għand awtoritajiet pubbliċi sabiex b'hekk jippromwovi żjieda fit-trasparenza u l-kontabilita' governattiva." Il-Qorti qed tagħmel referenza għal-liġi appena ċitata sabiex tiddistingwi il-fattispecie tal-kawża ċitata **Magyar Helsinki Bizottsag vs Hungary** mill-fattispecie tal-kawża odjerna. Fis-sentenza *Magyar* il-Qorti Ewropea irriteniet illi l-informazzjoni mitluba mill-għaqda non-governativa kienet tikwalifika li kellha

[36] Applikazzjoni nru 18030/11 (Grand Chamber) deċiza fit-8 ta' Novembru 2016

" **public-interest character**" u <u>li ma kien hemm l-ebda impediment legali li l-informazzjoni mitluba tingħata.</u>

Mhux l-istess fil-kawża odjerna.

Għalkemm **Artikolu 3 tal-Att dwar il-Liberta' ta' Informazzjoni** jipprovdi illi: "Kull persuna eliġibbli għandha dritt ta' aċċess għal dokumenti miżmumin minn awtoritajiet pubbliċi skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u bla ħsara għalihom", imbagħad **Artikolu 5 sub-inċiż 4 (d)** speċifikatament jipprovdi illi dan id-dritt ta' aċċess għal dokumenti f'idejn awtorita' pubblika ma japplikax fost l-oħrajn għal dokumenti li jinstabu fl-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali:-

"(4) Dan l-Att m'għandux japplika għal dokumenti miżmumin minn dawn li ġejjin:-

- omissis -

(d) l-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali;"

**Artikolu 30** tal-istess Att inoltre jipprovdi illi:-

"(1) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

(a) jippreġudika t-tmexxija ta' investigazzjoni ta' ksur, jew possibiltà ta' ksur, tal-liġi, jew nuqqas, jew possibiltà ta' nuqqas, ta' konformità ma' liġi li għandha x'taqsam ma' tassazzjoni, jew jippreġudika l-infurzar jew l-amministrazzjoni xierqa tal-liġi f'ċirkostanza partikolari;

(b) jiżvela l-eżistenza jew l-identità, jew jippermetti li persuna tiskopri l-eżistenza jew l-identità, ta' sors konfidenzjali ta' informazzjoni, jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' sors konfidenzjali ta' informazzjoni, fir-rigward tal-infurzar jew l-amministrazzjoni tal-liġi;

Jew

(ċ) jqiegħed fil-periklu l-ħajja jew is-sigurtà fiżika ta' xi persuna.

(2) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

(a) jippreġudika l-proċess ġust ta' persuna jew il-ġudizzju imparzjali ta' każ partikolari minn xi qorti, tribunal, bord ta' dixxiplina, panel ta' arbitraġġ jew korp simili, jew jippreġudika inkjesta mmexxija taħt l-Att dwar l-Inkjesti"

L-Avukat Ġenerali jikkontendi una volta kien l-istess Avukat Ġenerali illi xandar il-konkluzzjonijiet prinċipali tal-Inkjesta Egrant allura l-interess pubbliku ġie sodisfatt.

L-Inkjesta Egrant, tikkonsisti f'Inkjesta Maġisterjali dwar inter alia jekk il-Prim Ministru u/jew membri tal-familja tiegħu u/jew persuni oħra li jikwalifikaw bħala *Politically-Exposed Persons*, u cioe' John Dalli, Keith Schembri u Konrad Mizzi) setgħux kienu involuti f'xi forma ta' korruzzjoni u/jew ħasil ta' flus, u/jew transazzjonijiet finanzjarji suspetti, provenjenti minn kontijiet ta' Politically-Exposed Persons mill-Azerbaijan, u dan tramite kontijiet fil-Pilatus Bank. Investigat ukoll jekk is-Sinjura Michelle Muscat kenitx l-*Ultimate Beneficial Owner* ta' Egrant Inc.

Hu kemm hu materjal ta' interess pubbliku, il-Process Verbal f'Inkjesta Maġisterjali jibqa' att ġudizzjarju anke wara li jiġi konsenjat mill-Maġistrat Inkwirenti li jkun irrediġih lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kodiċi Kriminali.

Fattur ieħor li jirriżulta huwa illi għalkemm l-Inkjesta Maġisterjali ingħalqet, l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fir-rigward għadhom għaddejjin fuq talba tal-istess Maġistrat Inkwirenti. Difatti l-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar ikkonferma li huwa ingħata kopja tal-Inkjesta mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, u li hemm tlett spetturi tal-pulizija u t-team rispettiv tagħhom li għadhom għaddejjin bl-investigazzjonijiet rigwardanti r-riżultanzi tal-investigazzjoni mill-Process Verbal tal-Inkjesta Egrant.

Mill-atti ma jirriżultax li sallum xi ħadd tressaq il-Qorti b'riżultat tal-Investigazzjoni Maġisterjali jew b'riżultat tal-investigazzjonijiet li għamlu u/jew li għadhom qed jagħmlu l-Pulizija. Huwa evidenti illi l-Process Verbal dwar l-Inkjesta Egrant huwa ġabra ta' evidenza b'valur probatorju fl-eventwalita' li xi ħadd jitressaq il-Qorti akkuzat b'reati kriminali li l-evidenza dwarhom tista' tkun tinstab fil-Process Verbal. Huwa għalhekk illi kif rajna ma jeżisti l-ebda dritt, la ordinarju u lanqas kostituzzjonali jew konvenzjonali, li wieħed bi dritt ikollu aċċess għall-atti ta' Inkjesta Maġisterjali, sakemm naturalment mhux fl-ambitu ta' kawża kriminali fejn allura japplikaw id-drittijiet tal-akkużat fosthom id-dritt għal smiegħ xieraq li jinkludi id-dritt għall-aċċess tal-provi kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni inkluz il-Process Verbal tal-Maġistrat Inkwirenti.

L-għan tal-liġi huwa illi f'każ li xi persuna eventwalment titressaq il-Qorti, tali Process Verbal ikun parti mill-provi li l-prosekuzzjoni tressaq fil-proċess penali.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi r-rifjut tal-Avukat Ġenerali li jagħti kopja tar-Rapport tal-Inkjesta Egrant lir-rikorrent ma jammontax għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni tar-rikorrent sanċit bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**PROTEZZJONI TAD-DRITT FUNDAMENTALI TA' NON-DISKRIMINAZZJONI**

- *Il-liġi*

**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** jaqra kif ġej:-

"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor."

**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi s-segwenti:

"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.

(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu

mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.

- omissis -

(7) Ebda ħaġa li tkun hemm jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tagħmel provvediment (li ma jkunux provvedimenti li jirrigwardaw is-sess speċifikatament) li li bih persuni ta' xi deskrizzjoni bħal dik kif hija msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu assoġġettati għal xi restrizzjoni fuq drittijiet u libertajiet garantiti bl-artikoli 38, 40, 41, 42 u 44 ta' din il-Kostituzzjoni, li tkun restrizzjoni bħal dik kif awtorizzata bl-artikolu 38(2), 40(2), 41(2), 42(2) jew 44(3).

(8) Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandha tolqot xi diskrezzjoni dwar l-egħmil, tmexxija jew nuqqas ta'tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li jkollha xi persuna bi jew skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra."

- omissis -

- *Sottomissjonijiet tal-Partijiet*

*Onorevoli Dottor Adrian Delia*

Ir-rikorrent jissottometti illi l-bażi ta' din il-kontestazzjoni hija l-fatt li l-intimat Avukat Ġenerali filwaqt li għadda kopja sħiħa tar-rapport tal-inkjesta Maġisterjali dwar il-kumpanija *Egrant Inc* lill-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat, l-intimat naqas milli jgħaddi kopja tal-Inkjesta fl-intier tagħha lill-Onorevoli rikorrent u dan nonostante li dan tal-aħħar għamel talba lill-Avukat Ġenerali sabiex jgħaddilu kopja tal-imsemmija inkjesta. B'dan l-atteġġjament / deċiżjoni min-naħa tal-Avukat Ġenerali li għadda l-informazzjoni tal-inkjesta Maġisterjali lill-Prim Ministru u Kap

tal-Partit Laburista iżda mhux l-istess lill-Onorevoli rikorrent Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista, ir-rikorrent jikkontendi illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu li jkun ħieles minn trattament diskriminatorju.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tiegħu, jispjega li huwa ġie diskriminat in vista li mill-atti proċesswali ħareġ li persuni f'karigi amministrattivi għoljin tal-pajjiż (inkluż membri tal-Partit Laburista) għandhom aċċess għall-kontenut tal-inkjesta Maġisterjali u għalhekk fuq dan il-fatt ma jistax jibqa' jingħad li l-Inkjesta hija waħda sigrieta meta l-istess qiegħda f'idejn diversi nies.[37] Ir-rikorrent qiegħed iħossu diskriminat ukoll għaliex hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, Assistant Kummissarju, tlett Spetturi, u tlett Kuntistabbli li għandhom aċċess għall-inkjesta Maġisterjali.[38]

Wieħed mill-elementi sabiex jiġi stabbilit li kien hemm diskriminazzjoni huwa l-fatt li jeħtieg jintwerra li kien hemm trattament differenti *'in an analogous or relevantly similar situation'*. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jispjega li huwa jikwalifika bħala persuna f'sitwazzjoni relattivament simili għal dik tal-Prim Ministru u dan a bażi tal-fatt li l-kariga tal-Kap tal-Oppożizzjoni hija kariga Kostituzzjonali li jagħmlu membru tal-Esekuttiv tal-Istat, kif ukoll a bażi tal-fatt li huwa l-*watchdog* tal-operat tal-Eżekuttiv, fejn il-kariga tal-Kap tal-Oppożizzjoni għandha titqies bħala l-*counter part* għall-kariga tal-Prim Ministru.

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll illi d-diskriminazzjoni tirriżulta wkoll mit-tħaddim tad-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali. Sabiex jiġġustifika dan ir-rikorrent jgħaddi sabiex jirreferi għal dak li xehed l-Avukat Ġenerali fis-sens illi (a) l-kariga tal-Avukat Ġenerali hija regolata mill-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni u allura parti mill-Esekuttiv tal-iStat; (b) l-Avukat Ġenerali huwa l-konsulent legali prinċipali tal-Gvern u jagħti pariri lid-Dipartimenti Governattivi, (ċ) għandu "rwol importanti fl-amministrazzjoni tal-pajjiż" ċioe rwol fis-"servizz pubbliku"; (d) l-uffiċċju tiegħu

[37] F'paġna 32 tan-nota ta' sottomissjonijiet (paġna 365 tal-proċess) jindika bħala s-Sinjura Michelle Muscat, Kurt Farrugia, l-Ministru Owen Bonnici u lill-Avukat Pawlu Lia, apparti l-Prim Ministru innifsu.
[38] Paġna 365 tal-proċess.

huwa "amministrattivament ikkollegat" mal-Ministeru tal-Ġustizzja; u (e) l-Avukat Ġenerali jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-FIAU.[39]

Ir-rikorrent jemmen li ġialadarba l-konklużjonijiet prinċipali tal-Inkjesta Egrant kienu biżżejjed sabiex il-Prim Ministru jingħata serħan tal-moħħ, allura ma kienx meħtieġ li l-Avukat Ġenerali jgħaddi lill-Onorevoli Prim Ministru kopja sħiha tar-Rapport tal-Inkjesta Maġisterjali Egrant. Ġialadarba l-Avukat Ġenerali ipprovda kopja tar-Rapport sħiħ lill-Prim Ministru sabiex ikollu l-bażi ta' kif il-Maġistrat Inkwirenti wasal għall-konklużjonijiet, skond ir-Rikorrent id-deċiżjoni tal-intimat fir-rigward ta' talba simili li għamillu r-rikorrent hija diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent.. Ir-rikorrent jispjega li huwa wkoll għandu dritt iqabbel il-bażi tal-inkjesta mal-konklużjonijiet. Jikkonkludi dan il-punt billi josserva li kieku l-Avukat Ġenerali irrifjuta sew it-talba tal-Prim Ministru kif ukoll it-talba tal-Kap tal-Opposizzjoni allura ma kienx jissussti l-aġir diskriminatorju allegat.

*Avukat Ġenerali*

L-Avukat Ġenerali jemfasizza illi lill-Prim Ministru għaddilu kopja tar-rapport tal-inkjesta (tal-proċess verbal) u mhux tal-inkjesta fl-intier tagħha. Jispjega illi ir-rapport tal-inkjesta jikkontjeni mhux biss ir-rapport ta' cirka 1,500 paġna li kopja tiegħu ingħatat lill-Prim Ministru iżda wkoll volum kbir ta' dokumenti:-

"*Avukat Generali:* Le ghax l-inkjesta ikun hemm il-process verbal, imbaghad ikun hemm l-esebiti, dokumenti ohra, jigifieri meta qed nghidu l-atti kollha tal-inkjesta, probbabilment qed nghidu xi one sixth ta' din il-kamra (awla), jekk tghodd l-esebiti, il-hard disks, whatever. Li ghadda lill-Prim Ministru kien biss il-process verbal mhux l-esebiti kollha."[40]

L-Avukat Ġenerali jissottometti illi dak li qiegħed jitlob għalih ir- rikorrent imur oltre dak li kien fil-fatt ingħata lill-Prim Ministru bil-konsegwenza għalhekk li hemm nieqes l-element ta' sitwazzjoni identika. Isostni li għalkemm il-pożizzjoni ta' Kap tal-Oppożizzjoni hija mwaqfa bil-Kostituzzjoni dan ma jfissirx li għandu

[39] Paġna 365 tal-proċess.
[40] Paġna. 48 tal-proċess

jedd jingħata aċċess għal kull dokument tal-prosekuzzjoni jew tal-Gvern. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat Ġenerali jirrimarka li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li hemm xi liġi jew ġurisprudenza kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta li juri li l-Kap tal-Oppożizzjoni għandu dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta’ investigazzjoni. Jeċċepixxi wkoll li r-rikorrent lanqas ma jindika taħt liema kawżali li jinsabu fl-Artikolu 45 huwa qiegħed jistrieħ. L-Avukat Ġenerali josserva li diskriminazzjoni bilfors trid taqa taħt waħda mir-raġunijiet mogħtija fl-Artikolu 45 (3), altrimenti dik l-azzjoni tkun mankanti. Ġialadarba għalhekk ir-rikorrent naqas milli jindika r-raġuni li magħha huwa qiegħed jorbot id-diskriminazzjoni, l-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li l-lanjanza taħt l-Artikolu 45 għandha tiġi miċħuda.[41]

L-Avukat Ġenerali jagħmel distinzjoni bejn l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni fis-sens illi filwaqt li l-artikolu taħt il-Kostituzzjonali huwa awtonomu u indipendenti minn drittijiet oħra, l-Artikolu tal-Konvenzjoni jista’ biss jiġi invokat b’abbinament ma’ jedd konvenzjonali ieħor. Jemfasizza illi d-diskrezzjoni li huwa eżerċita bħala l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 hija regolata bl-Artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi l-Avukat Ġenerali jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu skont il-ġudizzju tiegħu mingħajr ma jieħu ordnijiet minn għand ħadd. Huwa regolat bil-liġi u mhux qiegħed hemm sabiex jassisti f’dibattiti politiċi.

Argument ieħor tal-Avukat Ġenerali huwa li l-intimat naqas milli jindika taħt liema kawżali huwa ġie diskriminat u għal din ir-raġuni waħedha l-Qorti m’għandhiex tikkonsidra l-ilment tar-rikorrent. L-intimat jeċċepixxi wkoll li f’allegat ksur ta’ din ix-xorta hawn trattata, jeħtieġ li min qiegħed jagħmel l-allegazzjoni għandu juri li kien hemm sitwazzjoni identika jew sostanzjalment identika u kif dan ingħata trattament differenti (u ċioe jrid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġjat fuq terren ta’ ċirkostanzi pari); ikompli jispjega li skondt il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja mhux kull distinzjoni tammonta għal diskriminazzjoni.

B’applikazzjoni ta’ dawn il-prinċipju għal każ odjern, l-Avukat Ġenerali josserva li l-protezzjoni konvenzjonali u kostituzzjonali kontra d-diskriminazzjoni *‘ma jissarfux*

[41] Paġna 388 tal-proċess.

*f'obbligu li f'kaz li tingħata kopja ta' proċess verbal lill-persuna direttament konċernata fl-inkjesta allura tali kopja jiġi awtomatikament u bi dritt għandha tingħata lil xi terza persun li ma tkunx fl-istess sitwazzjoni tal-persuna li lilha tkun ġiet tilaxxjata tali kopja'*[42]. Jgħid illi fil-każ de quo, il-pożizzjoni tal-Prim Ministru hija ferm differenti minn dik tar-Rikorrent u tal-pubblika b'mod ġenerali u dan għaliex filwaqt li l-Prim Ministru kien fil-mira diretta tal-inkjesta, ir-rikorrent u l-pubbliku ma kinux. Dan magħdud, l-Avukat Ġenerali spjega li l-pubbliku u r-rikorrent kellhom ikunu informati bil-konklużjonijiet tal-inkjesta li fil-fatt ġew ippubblikati fl-intier tagħhom.

Fir-risposta tat-30 ta' Awwissu 2018 u kif ikkonfermat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll li mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq spjegat, wieħed għandu jara l-każ taħt il-lenti tal-Artikolu 45 (7) u (8) tal-Kostuzzjoni. Jissottometti illi s-subartikoli (7) u (8) imsemmija jirrendu l-Artikolu 45 inapplikabbli għal każ in eżami.

L-Avukat Ġenerali jissottometti illi dak li għandu jiġi deċiż huwa x'ġara fil-mument li huwa eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu. L-Avukat Ġenerali jilmenta li minn imkien ma rriżulta li r-rikorrent kien fl-istess pożizzjoni bħal dik tal-Prim Ministru.

- *Osservazzjonijiet tal-Qorti.*

Għalkemm l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jidhru li jikkomplementaw lil xulxin, hemm diverġenzi nettissimi bejniethom fis-sens illi mill-banda l-waħda l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (Protezzjoni minn Diskriminazzjoni) jelenka lista eżawrjenti (*exhaustive list*) dwar il-motivazzjonijiet/raġunijiet għat-trattament diskriminatorju ie. "...deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita' tal-ġeneru...."; mill-banda l-oħra l-Artikolu 14 tal-konvenzjoni jipprovdi aktar raġunijiet u l-lista tar-raġunijiet hija biss indikattiva.

[42] Paġna 30 tal-proċess.

Diverġenza oħra hija li *a contrario* tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 jipprovdi protezzjoni kontra diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' drittijiet ġia enunċjati fil-Konvenzjoni; il-Kostituzzjoni ma tinkludiex tali restrizzjoni. Għaldaqstant, l-artikolu tal-Konvenzjoni huwa provvediment sussidjarju li jistrieħ fuq il-provvedimenti sostantivi tal-Konvenzjoni u l-Protokolli. Konsegwentement l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jistax jiġi invokat waħdu iżda jiddependi fuq id-drittijiet l-oħra tal-Konvenzjoni.[43]

***Is-Sinfikat ta' Diskriminazzjoni fid-Dritt Kostituzzjonali u Konvenzjonali.***

Diskriminazzjoni kemm taħt il-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Konvenzjoni għandha tinftiehem bħala trattament differenti mingħajr ġustifikazzjoni valida u oġġettiva lill-persuni li huma f'sitwazzjoni simili.[44] 'Sitwazzjoni simili' ma jfissirx li s-sitwazzjoni hija identika imma għandha tkun relattivament simili. [45] *A contrario sensu* għalhekk ma jkunx hemm diskriminazzjoni jekk is-sitwazzjoni ma tkunx waħda simili.

[43] **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom** (Appl. Nru 9214/80, 9473/81 u 9474/81) deċiża fit-28 ta' Mejju 1985: "Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".

[44] **D. H. and Others v. the Czech Republic** (Appl. Nru 57325/00) deċiża fit-13 ta' Novembru 2007, para 175: *"The Court has established in its case-law that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations".* Ara wkoll: **Okpisz v. Germany** (Appl. Nru 59140/00) deċiża fil-25 ta' Ottubru 2005, para 33; **Sejdic and Finci v. Bosnia and Herzegovina** (Appl. Nru 27996/06) deċiża fit-22 ta' Diċembru 2009, para 42.

[45] Ara **Clift v. the United Kingdom** (Appl. Nru 7205/07) deċiża fit-13 ta' Lulju 2010, para 66: *"The Court has established in its case-law that in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007; Burden, cited above, § 60; and Carson, cited above, § 61). The Court notes that the requirement to demonstrate an "analogous position" does not require that the comparator groups be identical. The fact that the applicant's situation is not fully analogous to that of shorter-term or life prisoners and that there are differences between the various groups does not preclude the application of Article 14 (see, mutatis mutandis, Petrov v. Bulgaria, no. 15197/02, § 53, 22 May 2008). The applicant must demonstrate that, having regard to the particular nature of his complaint, he was in a relevantly similar situation to others treated differently."*

**DISKRIMINAZZJONI TAĦT L-ARTIKOLU 14 TAL-KONVENZJONI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM.**

Il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Settembru 1995 fil-kawża fl-ismijiet **Spadea and Scalabrino v. Italy** osservat li "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated".[46]

Għandu jingħad, li trattament differenti sabiex jinkiseb għan leġittimu m'għandux jiġi kkunsdirat diskriminatorju diment li *"reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised"*[47].

Fil-kawża **Thlimmenos v. Greece** (Appl. Nru 34369/97) deċiża fis-6 t'April 2000, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat f'paragrafu 44 li: "the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification (see the Inze judgment cited above, p. 18, § 41). However, the Court considers that this is not the only facet of the prohibition of discrimination in Article 14. The right not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is also violated when States without an objective and reasonable justification fail to treat differently persons whose situations are significantly different."

Fil-kawża **Eweida and others v. The United Kingdom**[48] il-Qorti Ewropeja marret pass oltre u rreteniet li:-

---

[46] Enfażi miżjud mill-Qorti.
[47] **Andrejeva v. Latvia** (Appl. Nru 55707/00) deċiża 18 ta' Frar 2009, para. 81.
[48] Appl. Nru 48420/10, 59842/10, 51671/10 u 36516/10 deċi'a fil-15 ta' Jannar 2013.

"Such a difference of treatment between persons in relevantly similar positions - or a failure to treat differently persons in relevantly different situations - is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. The Contracting State enjoys a margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment (Burden, cited above, § 60). The scope of this margin will vary according to the circumstances, the subject-matter and the background (Carson and Others, cited above, § 61).

Minn lenti lokali, il-Qrati nostrani kellhom diversi opportunitajiet jikkunsidraw l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Fost dawn wieħed isib il-kawża **Claudio Porsenna vs. Avukat Ġenerali** (Rik Nru 38/09 JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-6 t'April 2011:-..

"Illi għal dak li jirrigwarda t-tħaddim tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, wieħed jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh li (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it- trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14 [Q.E.D.B. 23.7.1968 fil-**Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. 8.7.1986 fil-kawża fl-ismijiet **Lithgow vs Renju Unit** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak [Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6];

Illi llum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court" [QEDB 12.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet **Kafkaris vs Ċipru** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)];

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li, minħabba n-natura aċċessorja tiegħu, biex jidħol u jinżamm fis-seħħ il-ħarsien mogħti bl-artikolu 14, l-għamil allegat li jkun diskriminatorju jrid ikun dwar xi dritt maħsub fil-Konvenzjoni. Minbarra dan, jekk kemm-il darba t-trattament differenzjali li minnu wieħed jilmenta ma jkunx jaqa' taħt xi wieħed mill-jeddijiet u libertajiet maħsuba fil-Konvenzjoni, l-artikolu 14 ma jkunx japplika lanqas [Ara, per eżempju, Q.E.D.B. 24.2.1998 fil-kawża fl-ismijiet **Botta vs Italja** (Applik. Nru. 21439/93) § 39].

Ikkunsidrat;

Applikata l-ġurisprudenza in materja għall-każ in diżamina huwa mill-ewwel evidenti illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li xi dritt sostantiv tiegħu protett mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġie miksur bl-allegata diskriminazzjoni. Diġa rajna aktar qabel illi bil-fatt li l-intimat Avukat Ġenerali caħad it-talba tar-rikorrent li jingħata kopja tal-Process Verbal sħiħ ma ġiex miksur

id-dritt fondamentali sostansiv għal-liberta' tal-espressjoni protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment dwar xi allegat ksur ta' dritt fundamentali ieħor protett mill-Konvenzjoni. Ġialadarba sabiex ikun applikabbli l-ħarsien mogħti bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kien meħtieġ li r-rikorrent jipprova illi l-għamil allegat li jkun diskriminatorju kellu jkun dwar xi dritt fundamentali kontemplat u protett bil-Konvenzjoni, isegwi illi t-trattament differenti li minnu qed jilmenta r-rikorrent ma jaqax taħt xi wieħed mill-jeddijiet u libertajiet fondamentali li dwarhom tipprovdi l-Konvenzjoni; bil-konsegwenza illi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma japplikax għall-fattispecie tal-kawża odjerna.

**Rilevanti dak li sostna l-awtur William A. Schabas** dwar l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni fil-ktieb tiegħu **The European Convention on Human Rights: A Commentary**[49]: ‘It does not appear that the Convention organs have ever found a violation of article 14 in association with article 10.’

**DISKRIMINAZZJONI TAĦT L-ARTIKOLU 45 TAL-KOSTITUZZJONI.**

Il-Qorti tibda billi tagħmel l-osservazzjoni illi sabiex jinstab ksur tad-dritt fondamentali għal non diskriminazzjoni protett bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m’huwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li d-diskriminazzjoni kienet intenzjonata. Huwa biżżejjed li min qed jallega diskriminazzjoni juri fil-livell mistħoqq fil-liġi li ġie trattat b’mod diskriminatorju. Il-Qorti għandha tiprexxindi mill-intenzjonijiet ta' min ikun qed jiġi allegat li aġixxa bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tikkonsidra b'mod oġġettiv jekk il-fatti, wara li jkunu sodisfaċentement ippruvati, jikkostitwixxux aġir diskriminatorju fit-termini tal-Kostituzzjoni.

[49] Oxford University Press, Ediz. 2015 paġna 480

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Joseph Bellizi et vs. Awtorita Marittima ta' Malta et** (Rik Nru 31/2002) deċiża fis-6 ta' Mejju 2008:-

"...mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni". Fi kliem ieħor, l-applikant m'għandux għalfejn iġib prova li l-konvenut aġġixxa b'motiviazzjoni li ried jaġixxi b'mod diskriminatorju kontra r-rikorrent. Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni projbita mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dak li jrid fl-ewwel lok jiġi ppruvat huwa li l-allegat trattament kien differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni tagħhom.

Ma jirriżultax li l-Qrati tagħna kellhom l-okkażżjoni fil-passat jinvestigaw allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt kostituzzjonali fir-rigward tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-Avukat Ġenerali bis-saħħa tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kap. 9.

Hemm diversi istanzi fil-liġijiet tagħna fejn il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni ta' xi awtorita' pubblika it-teħid ta' deċizzjonijiet li min-natura tagħhom huwa diffiċli li *a priori* tistabbilixxi kriterji ċari u speċifiċi li jipprospettaw kull eventwalita' li tista' tokkorri u li twassal għall-ħtieġa ta' deċizzjoni f'dak il-qasam partikolari. In-nuqqas ta' kriterji pre-stabbiliti ma jfissirx illi l-awtorita' pubblika hija mgħotija s-setgħa li taġixxi kapriċċozament jew kontra r-raġuni. Għalkemm mhux id-diskrezzjoni taħt l-Artikolu 518, il-Prim' Awla (sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost Nru 12/2005) deċiża fil-5 ta' Lulju 2005, għamlet analiżi approfondita tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali f'dak il-każ bis-saħħa tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101:-

" Huwa principju ta' dritt amministrattiv, illi kull diskrezzjoni moghtija ma hi qatt assoluta, izda trid dejjem tigi ezercitata ragjonevolment u b'rispett lejn id-drittijiet

fundamentali tal-bniedem; il-kuncett ta' "*unfettered discretion*" ma jezistix fid-dritt pubbliku ta' pajjiz demokratiku. Meta ligi taghti diskrezzjoni, dan m'hemmx ghalfejn jinghad, ghax hu implicitu u inerenti f'kull fakolta' diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita' jew ufficcjal kompetenti, li dik id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-mod indikat, mod li trid l-ligi u l-ordinament guridiku."

Fid-dritt pubbliku, ma tezisti ebda diskrezzjoni li hi assoluta u libera minn kull skrutinju. Wiesgha kemm hu wiesgha l-poter moghti lil xi awtorita', l-esercizzju ta' dak il-poter huwa dejjem soggett ghall-kontrol mill-qrati. Fil-fatt, ***Wade & Farsyth,*** fl-istudju taghhom *"**Administrative Law**"* (Oxford Press, 7th Edit. 1994), jghidu, f'pagna 391 li *"in a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms".* Kwindi, ghalkemm l-artikolu 22(2) in kwistjoni jidher li qed jaghti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Generali, fil-verita', dan mhux hekk, u dik id-diskrezzjoni trid tigi uzata ragjonevolment, *in bona fidi* u b'rispett lejn id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu."

Sabiex kawża kostituzzjonali imsejsa fuq l-Artikolu 45 ikollha suċċess jeħtieġ qabel xejn illi l-applikant juri illi l-imġieba allegatament diskriminatorja tkun taqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-Artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni. Kif tajjeb osserva l-intimat Avukat Ġenerali fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ma rabatx l-allegat ilment tiegħu dwar diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu elenkati fl-Artikolu 45 (3). Kif ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Ivan Vella vs Avukat Ġenerali**" deċiża fil-25 ta' Novembru 2011:-

"L-ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni billi f'dan il-kaz l-ilment tar-rikorrent mhux imsejjes fuq l-ebda wahda mill-ragunijiet imsemmija tassattivament fl-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni.
............... Illi l-lista' tar-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni huma ezawrjenti u ma jirrizultax li r-raguni tal-ilment ta' appellant taqa' taht xi wahda mill-kategoriji msemmija fl-istess artikolu. Ghalhekk ma hemm ebda lezjoni taht dan l-artikolu tal-ligi.".

Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat deċiżżjoni mogħtija mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Mejju 2011 fejn dwar l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jingħad is-segwenti:-

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent dwar diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 45, l-Kostituzzjoni tghid ......................li hadd m'ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jinghata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn;

Illi llum il-gurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna jehtieg jirrizulta li (a) jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixxiebah maghha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat;

[...]

"Illi f'dan ir-rigward, jidher li jkun xieraq li jinghad li biex jista' jinghad li sehh ksur ta' jedd fundamentali dwar il-harsien mid-diskriminazzjoni taht il-Kostituzzjoni, jrid jintwera li l-ligi partikolari jew it-thaddim taghha jew l-ghamil ilmentat ikun jaqa' taht xi wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li ghalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. .............ir-raguni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taht wahda mir-ragunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu."

Il-Qorti għarblet sew ir-rikors promotur tar-rikorrent u tosserva illi la fil-premessi u lanqas fit-talbiet ma jissemma xi wieħed mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-Artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni. Fil-premessa numru 14 jissemma illi id-deċiżżjoni tal-Avukat Ġenerali li jipprovdi lill-Onorevoli Prim Ministru aċċess għall-informazzjoni kollha kontenuta fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali hija leżiva tad-dritt tal-individju li jkun ħieles minn trattament diskriminatorju filwaqt li t-tieni talba tar-rikorrent titlob dikjarazzjoni illi r-rifjut tal-intimat li jipprovdi lir-rikorrent b'kopja tal-atti kollha tal-Inkjesta Maġisterjali Egrant jikkostitiwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Lanqas fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu meta jitratta l-Artikollu 45 ma jsemmi waħda mill-irjus tal-Artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni. Jsemmi li ż-żewġ karigi kostituzzjonali huma membri tal-Eżekutiv tal-Istat kif ukoll illi bħala "public watchdog" għandu jitqies bħala l-"counter weight" għall-kariga miżmuma mill-Prim Ministru, pero' wkoll ma jaċċenna għall-ebda raġuni imsemmija fl-Artikolu 45 (3).

Analiżżati l-atti l-Qorti tikkonkludi illi r-rikorrent ma seħlux jipprova li ġie tratta b'mod differenti minn kif ġie trattat il-Prim Ministru minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45 (3).

Fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrent jitlob ukoll illi l-Qorti tiddikjara illi "d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-intimat Avukat Ġenerali ai termini tal-istess Artikolu tal-Liġi................jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti .....fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta."

Fil-fehma tal-Qorti tali talba mhiex fondata. Il-liġi per se ma hi qed tilledi l-ebda dritt fondamentali tar-rikorrent taħt l-Artikolu 45 stante li ma qed toħloq l-ebda diskrimazzjoni bejn ħadd. Il-proviso lamentat mir-rikorrent kien riżultat ta' emenda fil-liġi bl-iskop illi tippermetti li f'ċerti każi u fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali jiġi awtoriżżat ir-rilaxx ta' kopji ta' proċessi verbali kif ukoll ta' xhieda u dokumenti mdaħħlin magħhom. Oġġettivament ma hemm xejn fil-liġi illi jikrea trattament diskriminatorju ma' ħadd.

Anke li kieku l-Qorti kellha ssib illi r-rikorrent seħlu jipprova li ġie trattat b'mod differenti minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad illi fir-rigward tal-Inkjesta Egrant il-posizzjoni tar-rikorrent hija simili għal dik tal-Prim Ministru. Kienet tkun sitwazzjoni diversa kieku f'dik l-Inkjesta sew il-Prim Ministru kif ukoll il-Kap tal-Opposizzjoni kienu l-mira tal-inkjesta maġisterjali u ta' l-ewwel ingħata kopja tal-proċess verbal u l-ieħor le. Għalhekk sewwa irritjena l-intimat Avukat Ġenerali illi sabiex il-Qorti ssib leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li min jallega d-diskriminazzjoni jkun f'posizzjoni li jipparaguna lilu nnifsu ma' persuna jew klassi ta' persuni oħra fl-istess posizzjoni tiegħu li ġew trattati b'mod vantaġġjuż jew inqas żvantaġjuż minnu.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Galea noe et vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fit-22 ta’ Jannar 1990 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrevokat is-sentenza mogħtija fil-prim' istanza. Il-prim' istanza kienet irriteniet illi: "...kull diskriminazzjoni timporta żewġ elementi u cjoe' li l-lanjant ma ġiex trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor **fl-istess cirkustanzi** (in pari conditione) ġie; jew li hu ġie trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor **fl-isess ċirkustanzi** ma ġiex. Fi kliem ieħor irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkustanzi parti" [recte: pari]. Il-prim' istanza pero' ma kenitx sabet leżjoni tad-dritt fundamentali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma qablitx u kienet sabet illi għalkemm ir-reklami fuq il-każini taż-żewġ partiti politiċi kienu kontra l-liġi kif vigenti fiż-żmien rilevanti; il-fatt li l-awtoritajiet ħadu passi kontra partit u mhux kontra ieħor kien aġir diskriminatorju projbit mill-Kostituzzjoni.

Ġie wkoll ritenut illi “biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta’ dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita’ bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta’ dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma *placed in analogous situations*” [P.A. (Kost) GCD 15.2.2006 -

**Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9.2.2007) .

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bbażata fuq diskriminazzjoni kif imfisser fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ġew ampjament trattati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Edward Vassallo et vs. Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża fis-16 ta` Awissu 1976, fejn dik il-Qorti esprimiet ruħha fit-termini segwenti:

"Qabel xejn, pero`, ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta` trattament hi *per se* diskriminazzjoni *entro* l-projbizzjoni ta` l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). .................l-kuncett ta` l-ugwaljanza ta` trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero` biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta` l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta` proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".

Fuq l-istess ħsieb hija s-sentenza **Joseph Galea vs Onor Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi** deċiża fmill-Qorti Kostituzzjonal it-28 ta' Ottubru 1985,fejn ġie ritenut is-segwenti:

" in tema legali jingħad … li mhux kull differenzazzjoni jew disugwaljanza ta' trattament huwa per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni tal-artikolu 46 [illum 45] tal-Kostituzzjoni. Fi kliem ieħor, il-kunċett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi estiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat miċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qed tiġi ezaminata. Differenzazzjoni, biex tkun leġittima, trid tirpoza fuq kazi objettivi u raġjonevoli, tenut kont tal-għan u effetti tal-mizura in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat."

Ikkunsidrat;

Fil-kawża odjerna l-intimat jikkontendi illi ma setax iqis it-talba li għamillu l-Onorevoli Prim Ministru għall-kopja tal-process verbal tal-Inkjesta Egrant bl-istess mod li qies it-talba li għamillu l-Kap tal-Opposizzjoni għaliex iż-żewġ talbiet li sarulu ma kienux qed isiru taħt l-istess ċirkustanzi. Huwa evidenti illi s-sitwazzjoni tal-Prim Ministru fir-rigward tal-Inkjesta Egrant hija abbundantement differenti minn dik tar-rikorrent. Huwa ammess mir-rikorrent illi kieku mhux għaliex l-Avukat Ġenerali għadda kopja tal-Inkjesta lill-Prim Ministru, l-istess rikorrent ma kienx ikollu dritt jitlob kopja tal-inkjesta minħabba diskriminazzjoni.[50]

Isegwi għalhekk illi sabiex jiġi deċiz jekk seħħix diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 45 irid isir paragun bejn il-posizzjoni tal-Prim Ministru fil-mument li talab li tingħatalu kopja tal-Inkjesta Egrant u l-posizzjoni tal-Kap ta' l-Opposizzjoni fil-mument li ressaq it-talba tiegħu. Ġie ritenut illi:- "It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory." (**Zarb Adami vs Malta** - Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem - 20.06.2006).[51] Fil-kawża odjerna il-posizzjoni tal-Kap ta' l-Opposizzjoni ma hiex simili bħal dik tal-Prim Ministru. L-intimat Avukat Ġenerali spjega illi waħda mill-fatturi li ħa in konsiderazzjoni meta mill-banda l-waħda laqa' t-talba tal-Onorevoli Prim Ministru u meta mill-banda l-oħra caħad it-talba tal-Kap tal-Opposizzjoni kien il-fatt li kien il-Prim Ministru li talab li ssir l-Inkjesta Egrant dwaru stess fost l-oħrajn u peress li kien rabat il-kariga ta' Prim Ministru, l-ogħla kariga eżekuttiva fil-pajjiż, mar-riżultanzi tal-inkjesta maġisterjali. Il-Kap ta' l-Opposizzjoni ma kienx il-mira tal-Investigazzjoni Maġisterjali Egrant. Konsiderazzjoni oħra li ħa l-Avukat Ġenerali fid-deċiżżjoni impunjata tiegħu hi illi ir-riżultanzi tal-Inkjesta Egrant kienu fattur determinanti dwar il-posizzjoni li kellu jieħu l-Prim Ministru dwar l-istess Inkjesta li potenzjalment setgħat waslet lill-Prim Ministru jirriżenja l-kariga kostituzzjonali tiegħu bil-konsegwenzi li tali xenarju jġib miegħu. Jirriżulta ampjament illi l-Kap ta' l-Opposizzjoni bl-ebda mod ma kien fil-posizzjoni li kien il-Prim Ministru fir-rigward tar-Rapport tal-Inkjesta Egrant.

---

[50] Ara para 24 (iv) f'paġna 369 tal-proċess
[51] Applikazzjoni nru 17209/02 (Raba' Sezzjoni)

Eżaminati l-provi mressqa fid-dawl tal-liġi u l-ġurisprudenza in materja l-Qorti ma ssibx illi bid-deċiżżjoni impunjata tal-intimat Avukat Ġenerali ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent sanċit bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Dwar l-ispejjeż, il-Qorti tqis illi tenut kont illi mhux l-eċċezzjonijiet kollha ġew akkolti u tenut kont in-novita tal-azzjoni ser tapplika is-sub inċiz 3 tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide.**

Għar-raġunijiet kollha premessi, l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat fejn eċċepixxa l-intempestivita' tal-azzjoni.

Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat.

Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**